# Fix-Xogħol u Foqra

***Il-pożizzjoni tal-EAPN dwar il-faqar fix-xogħol***

Novembru 2013

# KONTENUT

**INTRODUZZJONI......................................................................................3**

**1. X'inhu il-faqar fix-xogħol?.....................................................................6**

1.1. Definizzjoni ta' faqar fix-xogħol..............................................................6

1.2. Kawżi ta' faqar fix-xogħol.......................................................................7

**2. X'politika ta' reazzjoni? Kwistjoni prinċipali tal-EAPN............................12**

2.1. Pagi baxxi, kwalita' ta' ħajja baxxa........................................................13

2.2. Top-Ups u krediti tat-taxxa.....................................................................15

2.3. Pass 'il quddiem jew nerġgħu fejn konna?..............................................16

2.4. Aċċess għas-servizzi...............................................................................18

2.5. Fatturi ta' riskji.......................................................................................19

**3. L-impatt tal-kriżi u l-miżuri t'awsterita'...................................................20**

**4. L-irwol tal-Unjoni Ewropea.....................................................................24**

4.1. Referenzi pożittivi...................................................................................24

4.2. Implimentazzjoni negattiva.....................................................................27

**5. Msieħba oħra u l-approċċ lejn il-faqar fix-xogħol....................................29**

**6. Governanza, Parteċipazzjoni u Demokrazija............................................31**

**7. Rikomandazzjonijiet mill-EAPN...............................................................32**

7.1. L-Unjoni Ewropea...................................................................................32

7.2. Stati Membri – livelli nazzjonali u sotto-nazzjonali.................................34

7.3. Min Iħaddem u l-organizzazzjonijiet tagħhom.........................................35

7.4. Trejd Unjins u NGOs...............................................................................36

**Referenzi...................................................................................................36**

# INTRODUZZJONI

Il-faqar ħafna drabi narawh primarjament bħala problema għal dawk bi dħul baxx, assoċjat ma' dawk li mhumiex ingaġġati f'xogħol bi ħlas. F'dawn l-aħħar snin, saret enfasi fuq ix-xogħol bħala t-triq biex wieħed joħroġ mill-faqar. Għalhekk id-diskors politiku riċenti, gradwalment warrab strateġiji ta' inklużjoni soċjali komprensiva u integrata bl-għeruq fl-iżgurar għal aċċess għad-drittijiet, riżorsi u servizzi, u minflok tpoġġa primjum fuq il-produttivita' u l-kompettitivita' ekonomika, kif ukoll li jiżdied il-livell tax-xogħol. Iżda ħafna mill-attenzjoni tpoġġiet fuq il-kwantita' (bażikament kemm nies jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol), filwaqt li l-kwalita' tax-xogħol, li jinkludi aspetti bħal paga diċenti, sigurta', il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ma ngħatawx il-priorita' meħtieġa. Dan wassal biex illum għandna żieda qawwija fin-numru ta' dawk li qed jissejħu bħala *working poor* jew faqar fix-xogħol - nies li qed jesperjenzaw il-faqar minkejja li jaħdmu.

Filwaqt li huwa minnu lir-riskju tal-faqar jista' jonqos meta individwu jidħol f'xogħol bi ħlas, għal ħafna nies, l-esperjenza tax-xogħol tħallihom f'pożizzjoni aħjar milli meta jkunu qegħda, imma drabi oħra tista' tħallihom agħar. Preżentament huwa stmat li 9.5% tan-nies fid-dinja tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea, jew aktar minn 15-il miljun persuna, huma affettwati minn faqar fix-xogħol (Eurostat 2012). Dan jirrappreżenta żieda ċara minn 8.9% fl-2011 u 8.4% fl-2010.

F'ħafna Stati Membri, il-faqar fix-xogħol sar barriera kritika, li qed jimpedixxi il-progress fl-indirizzar tal-faqar permezz ta' xogħol sostenibbli. Jista' jkun argumentat li l-fokus tal-politiki kontra l-faqar mxiet mis-snin disgħin, minn dħul ta' manutenzjoni għal dawk li ma jaħdmux għal approċċ agressiv ta' suq tax-xogħol aktar attiv, bil-għan li persuni fuq benefiċċji soċjali jimxu għas-suq tax-xogħol u "jagħmlu x-xogħol irendi''. Filwaqt li l-appoġġ personalizzat fis-suq tax-xogħol jibqa' kritiku, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jidher insuffiċjenti biex jittratta mal-problema ta' nies li jaħdmu u jesperjenzaw il-faqar.

Il-fokus fuq 'l-ewwel impjieg' bħala politika ta' soluzzjonijiet għall-faqar tenfasizza b'qawwa l-irwol ta' kwistjonijiet min-naħa waħda, partikolarment miżuri attivi għal suq tax-xogħol u l-ħiliet u t-taħriġ ta' dawk li mhumiex qegħdin f'impjieg. Aktar minn dan, sforzi biex ikunu riformati is-sistemi tal-welfare madwar l-Ewropa iffukaw biex inaqqsu l-livelli ta' dawk li jibbenefikaw filwaqt li ħraxu l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn l-istess benefiċċji, bil-għan li jkun żgurat li l-appoġġ finanzjarju li jingħata ma jservix bħala diżinċentiv milli persuna jidħol fis-suq tax-xogħol. L-emfasi tal-politiċi fuq politika ta' suq tax-xogħol attiv, riforma fil-welfare u t-tagħlim tul il-ħajja, fisser li ngħatat anqas attenzjoni lill-kwalita' tax-xogħol u l-impjiegi, li dan wassal biex qed jiddeterjoraw.

In-nuqqasijiet fl-approċċ li l-ewwel taħdem imbagħad tara lix-xogħol jirrendi, biex nindirizzaw il-faqar, kienet ċara mal-membri kollha tal-European Anti-Poverty Network għal ħafna snin, u bqajna nikkampanjaw mal-membri tagħna fuq livell nazzjonali, u flimkien ma' organiżazzjonijiet soċjali u trejd unjins madwar l-Ewropa għal approċċ komprensic ta' inklużjoni soċjali fil-qasam tax-xogħol. L-EAPN laqa' l-fatt li l-faqar fix-xogħol kompla jsir il-fokus għal *Social OMC* kif elenkat fir-Rapport Annwali tal-SPC (SPC 2013) bħala xejra prinċipali li għandna nosservaw.

L-iStrateġija tal-Ewropa 2020 tiddedika wieħed mill-ħames għanjiet globali tagħha lejn it-tnaqqis tan-numru ta' persuni li jesperjenzaw il-faqar b'minn tal-anqas 20 miljun sal-2020, filwaqt li kien hemm qbil fuq il-mira li 75% tal-popolazzjoni attiva tidħol fis-suq tax-xogħol. Biex dawn iż-żewġ għanijiet ambizzjużi jingħaqdu b'mod effettiv, u biex nassiguraw li l-mira tax-xogħol ma timminax l-mira li jitnaqqas il-faqar, il-kwalita' tax-xogħol irid jitpoġġa fil-qalba ta' dawn l-isforzi, u miżuri konkreti iridu jiġu proposti biex jindirizzaw il-faqar fix-xogħol.

L-irwol tal-UE li tisfida jew li tiġġenera l-faqar fix-xogħol hemm bżonn li tiġi diskussa, partikolarment fid-dawl tal-fokus dejjem jiżdied fuq prioritajiet makroekonomiċi, permezz ta' proposti iddiżinjati li jżidu l-kompettitivita' u li jitnaqqas id-defiċit pubbliku, riinforzat f'dokumenti riċenti bħal mhu l-*Annual Growth Survey* u l-*Fiscal Compact*.

Probabbli l-impatt tal-kriżi ekonomika u l-pakketti ta' rkupru jista' jwassal għal aktar deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni ta' dawk li qed jesperjenzaw il-faqar fix-xogħol. Filwaqt lir-rata ta' dawk fis-suq tax-xogħol żdiedet f'ħafna pajjiżi Ewropej fil-perjodu sal-2008, in-natura tas-suq tax-xogħol f'ħafna pajjiżi, ukoll qed tinbidel. Iż-żieda fix-xogħol part-tajm, xogħol temporanju u forom ta' flessibilita', qed iwasslu għal kundizzjonijiet mhux xierqa għal ċertu ħaddiema. Il-bidla fin-natura tas-suq tax-xogħol, ukoll wassal biex jitnissel dibattity dwar in-natura, il-kawżi u l-konsegwenzi tal-faqar fix-xogħol.

Il-kriżi mhux biss ġabet l-għibien ta' ħafna xogħlijiet, iżda wkoll l-aggravar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjenti tax-xogħol, tnaqqis fil-pagi mingħajr żidiet adegwati mis-servizzi soċjali, tnaqqis fil-baġit soċjali, kif ukoll kompliet tnaqqas is-sigurta' fix-xogħol. (EAPN 2010; EAPN 2011a). L-istrateġiji biex noħorġu mill-kriżi, ikkarratterizzata minn miżuri ta' awsterita' u tnaqqis fil-baġit, kif ukoll pressjoni l'isfel fuq il-pagi, ħafna drabi iffukat fuq skop pjuttost dejjaq ta' approċċ u sforzi biex jitnaqqas l-infieq pubbliku, kif ukoll li jiżdied id-deregolazzjoni tas-settur privat. Dan ma għenx wisq biex intejbu is-sitwazzjoni ta' persuni li diġa kienu qed jesperjenzaw diffikultajiet, filwaqt li kienu qed jaħdmu.

Mistoqsijiet dwar il-faqar fix-xoghol, il-kawżi tiegħu u s-soluzzjonijiet huma kumplessi. Fl-2010, l-EAPN permezz tal-*Employment Working Group* tagħha, ħadet reviżjoni komprensiva tas-sitwazzjoni tal-faqar fix-xogħol, kif ukoll l-effett ta' għażla ta' politiki differenti biex tissolva din is-sitwazzjoni, jew li tagħmilha agħar. Permezz tal-pajjiżi tagħhom, il-membri tal-EAPN fasslu s-sitwazzjoni fil-pajjiżi tagħhom stess. Dan ix-xogħol ġie kkompilat u l-EAPN ġiet mistiedna biex tippreżentah f'Marzu 2011, waqt reviżjoni bejn l-imsieħba taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali, intitolat "Nibnu l-għodod għall-ġlieda kontra l-faqar fix-xogħol", f'Pariġi, Franza.

Matul l-2012 u l-2013, il-membri tal-EAPN, permezz tal-Grupp ta' Strateġiji ta' Inklużjoni tal-UE, komplew jkabbru u jikkumplimentaw l-analiżi, bl-integrazzjoni ta' żviluppi reċenti. Sejbiet minn publikazzjoniet oħra tal-EAPN bħall-valutazzjoni annwali tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali (EAPN 2011c, EAPN 2012d, EAPN 2013c) u ir-Rakomandazzjonijiet Speċifiċi tal-Pajjiż (EAPN 2102b, EAPN 2013a), fil-qafas tal-Ewropea 2020, kienu integrati b'mod ugwali f'dan il-prodott finali. Ix-xogħol kien kkordinat minn Peter Kelly, EAPN UK, Viċi-Presdient tal-EAPM, bl-appoġġ mis-Segretarjat tal-eAPN fi Brussel, (Amana Ferro u Claire Champeix, Ufficjali Politiċi, u Sian Jones Koordinatur tal-Politika).

Il-karta preżenti għandha l-għan li tfassal l-analiżi tal-EAPN fuq din il-kwistjoni tal-faqar fix-xogħol, filwaqt tikkontribwixxi għal dibattitu. Bdejna billi rrivedejna id-definizzjonijiet u l-iskala tal-problema, nenfasizzaw is-sitwazzjonijiet differenti madwar l-Ewropa, inkluż l-irwol ta' pagi baxxi, l-istruttura u s-segmentazzjoni dejjem tiżdied tas-suq tax-xogħol, l-irwol ta' politika ta' benefiċċji u tassazzjoni u karatteristiċi individwali.  Bnejna fuq ix-xogħol estensiv li sar mill-membri tal-EAPN, kif speċifikat hawn fuq, u elenkajna l-kwistjonijiet prinċipali tagħna u l-impatt ta' poltiki differenti f'pajjiżi differenti, inkluż l-impatt negattiv tal-kriżi ekonomika u l-miżuri t'awsterita'.  Poġġejna taħt il-lenti, l-istejjer tan-nies infushom, u tlabna għall-parteċipazzjoni u demokrazija, bhala l-bażi għal proposti konkreti u mezz kif nimxu 'l quddiem biex niġġieldu b'mod effettiv il-faqar fix-xogħol.  L-irwol tal-UE li tiġġieled dan il-fenomenu ġdid huwa sottolinjat b'mod ċar.  Din il-karta tikkonkludi b'ħarsa ġenerali lejn pożizzjonijiet addottati minn entitajiet internazzjonali fuq il-faqar fix-xogħol, u r-rakomandazzjonijiet tal-EAPN.

Li nsibu ix-xogħol għan-nies mhux biżżejjed.  Dawk responsabbli għandhom jassiguraw li l-opportunita ta' impjieg proposti jikkosttiwixxu b'mod effettiv minn tbatija, esklużjoni u deprivazzjoni.  Triq biex wieħed joħroġ mill-faqar.

# 1. X’INHU L-FAQAR FIX-XOGĦOL

Bil-faqar fix-xogħol ħafna drabi nifhmu stat ta’ faqar esperjenzat minn persuna minkejja l-istat tagħha li hija attiva fis-suq tax-xogħol b’impjieg bi ħlas.

Il-kunċett ta’ faqar fix-xogħol mhuwiex ġdid. Talba għal moviment trejdunjonisitku madwar l-Ewropa kien mibni fuq il-kunċett li titħallas b’mod ġust għal ġurnata ta’ ħidma ġusta. Kienet għajta li nibtet mill-fatt, li minkejja li persuna qiegħed f’impjieg bi ħlas, bosta ħaddiema ma kienux qed jaqilgħu biżżejjed biex joħorġu lilhom infushom u l-familji tagħhom mill-faqar. Fi ħdan din it-talba, kien hemm ukoll l-għajta għal aktar ġustizzja ekonomika fuq il-post tax-xogħol, għajta li għadha tidwi fl-2013, kif kienet fis-seklu 19. Filwaqt li l-problema tal-faqar fix-xogħol u ta’ pagi baxxi qatt ma sparixxiet, it-tisħiħ tas-sigurta’ soċjali, l-ivolviment ta’ sistemi komprensivi ta’ saħħa u pensjoni, it-tifrix tat-trejd unjins, u l-perjodu relattivament twil tat-tkabbir ekonomiku fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet, wassal biex ma ngħatatx sinifikat politiku (Airio 2008).

Iżda l-kriżi ekonomika fil-bidu tas-sebgħinijiet, u l-emfasi dejjem tiżdied fuq swieq tax-xogħol mhux regolati, partikolarment fir-Renju Unit, kien ifisser li l-kwistjoni tal-faqar fix-xogħol imxiet gradwalment lura fuq l-aġenda politika. M’għadux possibbli li nittrattaw l-eżistenza tal-faqar fix-xogħol bħala problema periferali fil-ġlieda kontra l-faqar. Fi żmien fejn ix-xogħol dejjem qed narawh bħala l-aqwa u l-aktar triq sigura biex noħorġu mill-faqar, huma mpressjonanti li kważi terz tal-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, huma mpjegati (EC 2013) u b’mod sinifikanti l-istess f’pajjiżi oħra (laħaq 15.1% fil-Greċja u 19.2% fir-Rumanija, skont il-Eurostat). Fil-qafas tas-*Social OMC*, sa mill-2004, ġew żviluppati indikaturi biex ifittxu ix-xogħol fil-faqar. Iżda minkejja din l-importanza dejjem tiżdied , jidher lid-dejta jew ir-riċerka li saret fuq din il-kwistjoni f’ħafna mill-Istati Membri hi insuffiċjenti (Frazer & Marlier, 2010)

## *1.1 Definizzjoni ta’ faqar fix-xogħol*

Għall-għan tal-Eurostat, id-definizzjoni li ntużat biex tinġabar id-dejta fuq il-faqar fix-xogħol hija din: “Is-sehem ta' persuni li huma fix-xogħol u għandhom dħul disponibbli ekwivalenti għal taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, li huwa stabbilit għal 60% tad-dħul medjan nazzjonali disponibbli (wara it-trasferimenti soċjali)”. Il-Eurostat iżżid tispjega li bi dħul disponibbli ekwivalenti infissru “id-dħul totali ta’ dar, wara it-taxxa u tnaqqis ieħor, li huwa disponibbli għall-infieq jew għall-iġġemmar, maqsum bejn in-numru ta’ membri f’dik id-dar.”

Dwar id-definizzjoni tal-faqar fix-xogħol, Crettaz u Bonoli (2010) jenfassiżaw il-varjeta’ ta’ approċċi li jittieħdu fuq skala internazzjonali. Id-differenzi fid-definizzjonijiet iduru fuq kif niddefinixxu il-kelma ‘xogħol’ u x’infissru b’dar, il-perjodu ta’ referenza għal kull tip ta’ impjieg, u l-limitu tal-faqar li jintuża.

Fil-kuntest Ewropew, din il-kwistjoni tal-aħħar m’hiex daqstant kontoversjali, bl-aċċettazzjoni mifruxa tal-indikatur tal-faqar relattiv : 60% tad-dħul medju ta’ kull dar bħala il-limitu għall-faqar (għalkemm l-

addozzjoni riċenti ta' indikatur multiplu għall-mira dwar il-faqar tal-Ewropa 2020, tista' timmina dan). Dwar kif niddefinixxu ix-xogħol, id-definizzjoni tal-Eurostat tqis bħala ħaddiema "dawk li għandhom 15-il sena jew aktar, li tul dik il-ġimgħa ta' referenza, għamlu xi tip ta' xogħol, anke jekk għal siegħa biss fil-ġimgħa, bi ħlas, profitt jew bi gwadann familjari." Dan ifisser lid-definizzjoni hi limitata ħafna dwar xi tfisser li tkun mpjegat.

Kwistjoni kruċjali oħra hi li l-assessjar qed isir fuq livell ta' djar: id-dħul globali ta' dar huwa maqsum bejn in-numru ta' persuni fi ħdan l-istess dar; biex ikun evitat il-faqar fix-xogħol, l-ammont għal kull individwu irid ikun ogħla mil-linja tal-faqar. Dan ifisser li aktar kemm ikun kbir in-numru ta' persuni dipendenti fuq dik id-dar, aktar tista' tkun influwenti fuq is-sitwazzjoni ta' faqar, għax id-dħul ikun maqsum bejn aktar persuni. Dan kollu għandu implikazzjonijiet fuq kif se nwieġbu għal dan il-faqar fix-xogħol, għaliex irid ikun hemm taħlita ta' politiki immirati flimkien mal-pagi tal-għixien u s-sigurta' tax-xogħol, kif ukoll benefiċċji għat-tfal, pensjonijiet, beinfiċċji għad-diżabilita', kif ukoll aċċess għal servizzi bħal dak tal-akkomodazzjoni, kura tat-tfal u oħrajn inkluż għall-anzjani u dawk b'diżabilita, servizzi tas-saħħa, trasport, servizzi soċjali u oħrajn.

Taħt id-dejta u d-definizzjonijiet tal-Eurostat, huwa stmat li 9.5% ta' dawk fis-suq tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea qed jesperjenza il-faqar fix-xogħol. Għalkemm ir-rati huma ogħla minn dan għal xi Stati Membri ġodda, dawn juru wkoll tendenza li se jnaqqsuhom, filwaqt li fi Stati Membri veterani, il-faqar fix-xogħol qed jiżdied b'rati allarmanti. Statistika turi li f'dawn l-aħħar sentejn, żdied b'1%.

| | **2010** | **2011** | **2012 (est)** |
|---|---|---|---|
| **EU (28 countries)** | 8.4% | 8.9% | 9.5% |
| **EU (27 countries)** | 8.4% | 8.9% | 9.5% |
| **Old Member States (EU 15)** | 7.9% | 8.5% | 9.2% |
| **New Member States (EU 12)** | 10.5% | 10.8% | 10.5% |

Sors : Eurostat

Hemm diskrepanzi bejn l-Istati membri, mhux biss f'termini ta' clusters, imma wkoll f'pajjiżi individwali, li jvarjaw minn 3.8% fil-Finlandja għal 19.2% fir-Rumanija. B'mod sinifikanti, Frazer u Marlier (2010) jinnutaw li "in ġenerali, pajjiżi b'rata ta' riskju għoli ta' faqar, għandhom rati għoljin ta' faqar fix-xogħol." Huwa għalhekk probabbli li ħafna mill-proċessi, strutturi u politiki li jwasslu għall-faqar għal dawk li huma barra minn impjieg huma konnessi ma' dawk li jikkawżaw il-faqar f'persuni li qegħdin f'impjieg. Xejriet ivarjaw ukoll fi gruppi ewlenin differenti, li hija kwistjoni li se nitrattaw fid-dettal aktar l-isfel.

## *1.2. Kawżi tal-faqar fix-xogħol*

L-importanza li tingħata lil kull waħda mill-kawżi tvarja skont il-kunidzzjonijiet differenti fost l-iStati membri. Crettaz u Bonoli (2010) jidentifikaw tlett 'mekkaniżmi' prinċipali li jwasslu għall-faqar fix-xogħol: pagi baxxi, sekwestru baxx fil-forza tax-xogħol u familji kbar. Frazer & Marlier (2010) jenfasizzaw l-istruttura tas-suq tax-xogħol, il-kompożizzjoni ta' kull dar u intensita' baxxa ta' xogħol, karratteristiċi

individwali (nuqqas ta' kwalifiki eċċ) u fatturi istituzzjonali bħal nuqqas jew livell baxx ta' paga u protezzjoni soċjali. Hemm ukoll il-kwistjoni addizzjonali tad-distribuzzjoni u r-ridistribuzzjoni tad-dħul, hekk kif l-inugwaljanzi fid-dħul u l-polarizzazzjoni qed jiżdiedu, b'riżultat li jkompli jiżdied il-faqar fix-xogħol, fost effetti oħra (ara l-EAPN Spjegatur dwar il-Ġid, Inugwaljanza u Polarizzazzjoni Soċjali fl-UE – EAPN 2011b). Dawn il-fatturi kollha ikkontribwixxew biex jiżdied il-faqar fix-xogħol li ħakem fl-Ewropa f'dawn l-aħħar 10 snin. Il-piż relattiv ta' kull wieħed minn dawn il-fatturi jiddependi sa ċertu punt mill-kundizzjonijiet nazzjonali, imma kollha ikunu relevanti fil-każijiet kollha. Hawn taħt se niffukaw fuq uħud mill-aktar kawżi mportanti tal-faqar fix-xogħol.

- **Paga baxxa**

Hekk kif id-dħul ta' persuna mhux dejjem jiddependi b'mod sħiħ fuq il-paga tiegħu jew tagħha, bosta studji ta' faqar fix-xogħol jinnutaw li mhux il-ħaddiema kollħa b'pagi baxxi huma fqar. Iżda, ma nistgħux niċħdu li pagi baxxi huma kawża prinċipali għall-faqar fix-xogħol. Filwaqt li ħafna ħaddiema b'pagi baxxi mhumiex fqar, ħafna ħaddiema fqar, ikunu mħallsa ftit. F'termini ta' politika ta' rispons għall-faqar fix-xogħol, dan għandu jkun il-punt ta' tluq. Dan għandu jkun ukoll il-punt ta' tluq biex nifhmu il-kawżi tal-faqar fix-xogħol. In-nuqqas ta' paga minima nazzjonali f'7 Stati Membri fost 28 huwa aspett kruċjali, speċjalment meta l-isħubija fi trejd unjin dejjem nieżel, u ħaddiema f'setturi ta' pagi baxxi tradizzjonalment ma jkunux koperti. Anke f'pajjiżi fejn statutorjament paga minima teżisti, il-livelli tagħha ħafna drabi mhumiex biżżejjed biex joħorġu individwu mill-faqar. Il-kriżi ekonomika u l-pakketti ta' rkuprar ġabu pressjoni addizzjonali fuq il-livelli tal-pagi, speċjalment bl-iżviluppi riċenti, bħall-irbit tal-pagi mal-produttivita' u li jiġu sseparati mill-istandards tal-għixien (Euro Plus Pact), tnaqqis fil-baġit u miżuri t'awsterita', partikolarment (iżda mhux biss) f'pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Fond Monetarju Internazzjonali u mill-Kummissjoni Ewropea, u fil-każi ta' pajjiżi fi ħdan iż-Żona Ewro, mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Ilment frekwenti ta' ħafna nies li jfittxu it-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol hi li 'm'humiex aħjar'. Dan huwa riżultat ta' spejjeż addizzjonali marbuta ma' li tidħol f'impjieg, bħal per eżempju spejjeż ta' trasport u vjaġġar, kura tat-tfal u spejjeż oħra ta' kura, ilbies, ikel, eċċ. Dan jista' jfisser, li għal xi nies, partikolarment persuni bit-tfal, li jidħlu f'impjiegi marġinali (part-tajm, jew temporanju, prekarju jew mhux imħallas tajjeb) jista' jfisser sempliċiment li tbiddel il-faqar meta mhux f'impjieg, għal faqar fix-xogħol. F'dan il-kuntest servizzi laterali jsiru kruċjali biex jipprovdu lin-nies b'faċilitajiet ta' appoġġ adegwati (aċċessibbli, ta' kwalita u affordabbli) biex ikun żgurat li x-xogħol mhux qed jiġġenera aktar faqar għall-individwu. Meta tappoġġja ġenitur wieħed fix-xogħol, approċċ integrali li jassigura aċċess affordabbli għal dawn is-servizzi, huma partikolarment kruċjali, jekk il-ġenitur irid isib u jibqa' f'impjieg addattat. Madankollu, l-attenzjoni li tingħata lil dawn is-servizzi tibqa' difettuża, speċjalment fi żminijiet ta' rkupru ekonomiku (EAPN 2008, EAPN 2009a, EAPN 2010, EAPN 2011a, EAPN 2011c u EAPN 2012d).

Huwa mportanti li meta nikkunsidraw il-kawżi tal-faqar fix-xogħol, nenfasizzaw l-evidenza tad-differenza bejn il-faqar fix-xogħol u l-qgħad. (Shildrick et al, 2010). Aktar minn hekk, it-tranżizzjoni bejn benefiċċji u xogħol bi ħlas u lura, ħafna drabi taf tkun problematika, u n-nies isibu lilhom infushom bla dħul filwaqt li jiċċaqalqu minn status għal ieħor. Din is-sitwazzjoni hi akkumpanjata min-nuqqas ta' servizzi pubbliċi b'xejn jew bi prezz baxx għax il-persuna ikun daħal f'impjieg, u benefiċċji essenzjali oħra bħal appoġġ

għall-akkomodazzjoni. Dan jikkrea nasba ta' faqar, li diffiċli ħafna li taħrabha u li tqajjem varjazzjonijiet fid-dħul (b'perjodi ta' l-ebda dħul) kif ukoll it-telfa tal-benefiċċji. Din l-evidenza ta' dan iċ-ċiklu 'paga baxxa, paga xejn' ifisser li rridu nitrattaw dawn iż-żewġ fenomeni bħala relatati, aktar minn esperjenzi separati u distinti.

- ## Kwalita' tal-impjiegi u x-xogħol

Hemm rabtiet ċari bejn il-faqar fix-xogħol, pagi baxxi u xogħol mhux sostenibbli (jew prekarju). Meta nirreferi għal impjiegi mhux sostenibbli, qed infissru part-tajm sfurzat, xogħol temporanju jew mhux tipiku li ħafna drabi jkollu paga baxxa, juri is-segmentazzjoni dejjem tiżdied tas-suq tax-xogħol, rikonoxxut anke mil-Linjigwida Integrati (7), il-Flagship Initiatives, ir-Rapport Konġunt dwar ix-Xogħol u dokumenti ta' politika oħra tal-UE. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol hi marbuta ma' livelli baxxi ta' remunerazzjoni għal setturi speċifiċi, dawk ikklassifikati b'ħiliet baxxi, ħafna drabi f'xogħlijit iddominati minn nisa, gruppi etniċi ta' minoranza u oħrajn esklużi. Il-qabża fid-distribuzzjoni tad-dħul jidher ċar fil-livelli tal-pagi għall-ħaddiema f'impjiegi imħallsa baxx relatati ma' pagi ezekuttivi, kif ukoll is-sehem tal-pagi fir-rigward tal-profitti u l-GDP. Id-distakk fil-paga etnika u skont is-sess huma wkoll fatturi importanti f'din l-ekwazzjoni.

Naturalment, impjieg part-tajm u temporanju mhux neċessarjament ikun ta' kwalita' baxxa, iżda ir-realta' hi li ħafna minnhom huma. Għalkemm dawn il-forom ta' impjieg ħafna drabi huma promossi bħala l-ewwel tarġa għal xogħol sostenibbli u impjieg ta' kwalita' fis-suq tax-xogħol, ħafna drabi in-nies jibqgħu maqbuda f'impjiegi ta' kwalita' baxxa, jew fuq roundabout fejn jimxu minn xogħol bi dħul baxx għal xogħol prekarju u b'paga minima jew bla xogħol u/jew fuq benefiċċji. Impjiegi part-tajm ħafna drabi mhumiex imħallsa r-rata ekwivalenti bis-siegħa, partikolarment fejn hemm kuntratti bi żmien qasir (i.e. siegħa jew ġurnata), li jaqgħu barra mid-drittijiet tax-xogħol. Filfatt, il-Eurostat tirrimarka, li fl-2012, għat-28 pajjiż tal-UE il-proporzjon tal-ħaddiema li huwa stmat li qed jesperjenzaw faqar fix-xogħol huma waqt li qed jaħdmu fuq bażi part-tajm b'14.1%, ikkomparat ma' 8.1% biss f'dawk li qed jaħdmu full-time. Ħaddiema f'xogħol prekarju jew kuntratti mhux tipiċi ħafna drabi għandhom anqas probabbilta' li jkunu koperti fi ftehim ta' trejd unjin. Ix-xogħol jaf ikun iebes fiżikament, u s-sigħat eċċessivament twal. Il-ħaddiema jaf ma jkollhomx aċċess għal pensjonijiet u drittijiet bażiċi ta' xogħol mhux dejjem jingħataw (Poller u Charlwood 2009).

Din għandha implikazzjonijiet importanti għall-politika ta' rispons kemm għall-qgħad kif ukoll għall-faqar fix-xogħol. L-esperjenza rikorrenti tal-faqar, kemm jekk hi fix-xogħol jew mhux fix-xogħol, tpoġġi mistoqsija kemm xogħol bi ħlas baxx u insigur jista' jkun it-tarġa biex wieħed joħroġ mill-faqar. Il-fatt li ħafna nies qed jgħaddu l'hemm u l'hawn minn faqar fix-xogħol għal faqar barra mix-xogħol, tissuġġerixxi lin-nuqqas ta' inizjattiva u motivazzjoni fil-ħaddiem, mhux il-problema reali. Li huwa notevoli huwa li ħafna nies, b'inċentivi jew mingħajr, irridu jidħlu fix-xogħol, anke meta l-esperjenza hi waħda negattiva li finanzjarjament tħallihom ftit aħjar, jekk mhux agħar.

Għal analiżi aktar dettaljata dwar l-importanza ta' pagi diċenti u kuntratti stabbli, kif ukoll dwar impjiegi ta' kwalita' in ġenerali u l-implikazzjonijiet fuq il-faqar, ara l-ispjegatur tal-EAPN dwar il-Kwalita' tax-Xogħol u l-Impjiegi fl-UE (EAPN 2014a).

- **Kompożizzjoni tad-dar**

Kif elenkat hawn fuq, l-indikaturi tal-faqar fix-xogħol huma normalment ibbażati fuq assessjar li jsir fuq livell ta' dar, aktar milli fuq individwu. Dan ifisser li persuna, anke jekk ingaġġat f'xogħol paga baxxa, mhux neċessarjament klassifikat bħala li qed jesperjenza il-faqar fix-xogħol, għax jista' jagħti l-każ li qed jgħixu f'dar fejn id-dħul ekwivalenti huwa ogħla mil-linja tal-faqar. Dan ifisser ukoll, li anke f'dar fejn l-adulti kollha huma attivi fis-suq tax-xogħol, in-numru ta' dipendenti f'dik id-dar li huma bla paga (tfal anzjani, persuni b'diżabilita' eċċ) jiddeterminaw id-dħul per kapita ta' dik id-dar, u dan huwa li jpoġġi lill-membri ta' dik il-familja f'sitwazzjoni ta' faqar. 5.6% biss tal-koppji lim'għandhomx dipendenti fuqhom jesperjenza il-faqar minkejja li jkunu fix-xogħol, ikkumparat ma' 10.4% ta' koppji li għandhom persuni dipendenti fuqhom (Eurostat 2011).

Dan l-approċċ ippoġġi xi sfidi rigward l-identifikazzjoni korretta ta' dan il-fenomenu tal-faqar fix-xogħol. Persuni b'familji kbar, li jridu jappoġġjaw aktar persuni dipendenti fuqhom, jistgħu jsibu lilhom infushom f'sitwazzjoni ta' faqar anke jekk wieħed minnhom jew aktar ikunu f'impjieg bi ħlas diċenti. Dan jiftaħ dibattitu kbir fuq l-adegwatezza tal-pagi, u jpoġġi taħt sfida l-mudell breadwinner, hekk kif membri li qed jaħdmu fi ħdan id-dar, għandhom bzonn biżżżaejjed riżorsi biex jappoġġjaw membri li mhumiex jaħdmu, partikolarment importanti għan-numru dejjem jiżdied ta' genituri weħidhom. Għalhekk, il-paga tal-għixien (living wage) mhix biss paga li tħalli persuna waħda tappoġġja lilha nfisha b'mod dinjituż, imma wkoll li tappoġġja l-familja tagħha. L-isfida demografika riċenti, tenfasizza l-importanza li nżidu ir-rata tat-twelid, li hija diffiċli ħafna għal koppji jew ġenituri weħidhom li ma jlaħħqux mal-kundizzjonijiet ekonomiċi biex jipprovdu lil uliedhom b'ħajja dinjituża u b'aċċess għall-opportunitajiet.

Il-faqar fix-xogħol ħafna drabi jista' jwassal għal dejn, hekk kif il-pagi huma insuffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż bażiċi ta' għixien. Id-dejn jagħmilha aktar diffiċli biex tlaħħaq mal-bżonnijiet ta' kuljum, għax ir-riżorsi jibdew jintużaw biex jitħallsu l-arretrati. Ġenituri weħidhom, jew mudelli oħra ta' familja fejn ikun hemm breadwinner wieħed, huma ffaċċjati b'diffikultajiet addizzjonali. Responsabilitajiet ta' kura, speċjalment meta ma jkunux maqsuma ma' sieħeb, jikkonstitwixxu f'ostakli serji biex jintegraw fis-suq tax-xogħol, jew anke biex jlestu l-programmi ta' edukazzjoni biex ikollhom aċċess aħjar għal xogħol bi ħlas.

In-nuqqas ta' faċilitajiet suffiċjenti, affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalita' ta' kura għat-tfal jistgħu jisfurzaw, partikolarment lil ġenituri weħidhom li jieħdu xogħol imħallas baxx, part-tajm jew impjieg temporanju, li ma jiggarantixxix dħul suffiċjenti u stabbli għall-membri tal-familja. 19.5% ta' ġenituri weħidhom jesperjenzaw il-faqar fix-xogħol (Eurostat 2011). Addizzjonalment, responsabilitajiet ta' kura oħra, bħal mhu lejn membri tal-familja li qed jixjieħu, jew dawk b'diżabilita, għandhom l-istess effett ta' faqar, filwaqt li 30% tal-inattivita' u xogħol part-tajm m'għandhomx is-servizzi ta' kura approprjati. (Frazer u Marlier). Sussegwentament, jekk xogħol ma jipprovdix biżżejjed dħul, faqar u dejn huma komposti, minkejja li tkun f'impjieg.

- **Fatturi ta' riskju individwali**

Ċertu gruppi huma aktar suxxettibbli li jesperjenzaw ilf-aqar fis-xogħol minħabba ċirkustanzi u karrateristiċi varji. Filwaqt lir-rapport minn Frazer u Marlier (2010) jinnota li l-irġiel huma aktar probabbli li jesperjenzaw faqar fix-xogħol minn nisa, huwa ħafna drabi l-każ lin-nisa jidħlu f'impjieg part-tajm jew xogħol mhux tipiku li jġallax pagi baxxi. Id-differenzi fil-pagi skont is-sess (16.2% fl-2011 fl-Unjoni Ewropea skont il-Eurostat), li jfisser lin-nisa huma mħallsa anqas mill-irġiel għal xogħlijiet ekwivalenti, jfisser ukoll li huma katar esposti li jsofru minn faqar waqt li qed jaħdmu.

F'ħafna pajjiżi, hemm prevalenza ogħla ta' xogħol mhux imħallas ħafna, u għalhekk ta' faqar fix-xogħol, f'ambejnti rurali. Dawk li jaħdmu għal rashom, huma kategorija oħra li drammatikalment huma esposti iżjed li jbatu minn faqar waqt li qed jaħdmu. (24.3% tan-nies li huma mjegati, imma mhumiex ħaddiema, jesperjenzaw il-faqar fix-xogħol skont il-Eurostat 2011). Frazer u Marlier (2010) josservaw ukoll lil-livell tal-edukazzjoni jilgħab parti mportanti wkoll.

Persuni li jbatu minn xi ħaġa, għandhom diżabilita' jew problemi oħra relatati ma' saħħa, mentali jew fiżiċi, huma wkoll aktar suxxettibbli li jesperjenzaw il-faqar fix-xogħol. Ħafna drabi jistgħu jingaġġaw biss f'xogħol part-tajm, li ma jipprovdilhomx mezzi biżżejjed biex jgħixu b'dinjita'. Dħul vijabbli għandu jkun assigrat permezz ta' skemi li jakkumulaw benefiċċji b'pagi part-time, flimkien ma' appoġġ biex is-servizzi ikunu aċċessibbli. Iżda, fir-realta', ħafna nies li jaqgħu taħt dan il-grupp vulnerabbli huma ffaċċjati b'telf ta' benefiċċji u sapport ieħor, meta jippruvaw jieħdu xogħol part-tajm biex jissupplimenta d-dħul tagħhom. Dan in-nuqqas fis-sistema ikompli jipperpetwa in-nasba tal-faqar, mingħajr ma jipprovdi opportunitajiet għal progress.

Grupp ġdid li huma partikolarment f'riskju huwa magħmul minn żgħażagħ, li ħafna drabi isibu diffikultajiet serji biex isbu xogħol wara li jkun komplew l-istudji tagħhom. Il-qgħad fiż-żgħażagħ qed jiżdied b'mod allaramenti f'ħafna mill-pajjiżi Ewropej. (21.4% fl-2011, ikkomparat ma' 15.8% fl-2008, skont il-Eurostat). Statistiċi jirrapurtaw ukoll livelli ogħla ta' faqar fix-xogħol għaż-żgħażagħ (11.2% għal dawk bejn it-18 u l-24 sena, kkomparat ma' 8.8% għal dawk il-ħaddiema 'il fuq minn 24 sena), u rati aktar għolja fost ħaddiema temporanji (13.2%) u part-tajm (13.5%), ikkomparat ma' ħaddiema b'kuntratti permanenti (5.4%) u ħaddiema full-time (7.5%) (Eurostat 2011).

Hekk kif nuqqas ta' esperjenza professjonali hija ħafna drabi r-raġuni biex ma jiġux ingaġġati gradwati friski, ħafna jingaġġaw fi skemi ta' apprentistat jew inizjattivi simili ta' esperjenza ta' xogħol. Iżda n-nuqqas ta' kriterji uniformali fuq apprendistati jwassal għal realta' ta' diqa li ħafna jew m'huma mħallsa xejn, jew imħallsa b'mod prekarju jew insuffiċjenti. Inizzjattivi riċenti tal-Kummissjoni Ewropea, bħal Qafas ta' Kwalita' għal Apprendistati, li jistabbilixxu standards minimu għall-protezzjoni taż-żgħażagħ li jidħlu f'esperjenzi simili ta' xogħol, kif ukoll it-twaqqif tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, huma passi pożittivi u ta' min jikkumplimentahom. Fl-implimentazzjoni li jmiss tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, huwa essenzjali lid-dimensjoni ta' kwalità tal-impjieg propost huwa prijorità, sabiex ikun evitat li jinħolqu aktar każijiet ta' faqar fix-xogħol fost iż-żgħażagħ.

Migranti u minoritajiet etniċi, partikolarment ir-Roma, jsibu lilhom infushom aktar f'sitwazzjoni ta' faqar fix-xogħol minn gruppi oħra, filwaqt li huma anqas protetti minn sħubija fi trejd unjin. Diskriminazzjoni għadha mifruxa f'ħafna pajjiżi u filwaqt li ittieħdu passi biex ikun żgurat ambjent ta' xogħol ħieles minn diskriminazzjoni, ma sarx biżżejjed xogħol biex nindirizzaw ir-razziżmu u l-xenofobija bħala barrieri effettivi għal aċċess fis-suq tax-xogħol. Meta iffaċċjati b'diffikultajiet bħal dawn biex jakkwistaw xogħol normali fis-suq miftuħ tax-xogħol, kultanti minkejja kwalifiċi għoljin, ħafna nies fi ħdan dan il-grupp jagħżlu xogħol prekarju. Migranti bla dokumenti jiffaċċjaw problemi addizzjonali fis-suq tax-xogħol, li jwasslu ħafna għal xogħol mhux dikjarat, bħala l-uniku possibilta' biex jissaportjaw lilhom infushom u l-familji tagħhom biex ilaħħqu mal-ħajja. Dan ifisser dħul insigur, f'termini ta' livelli baxxi ta' paga, bla assigurazzjoni li se jitħallsu, nuqqas ta' sigurta' soċjali, u l-biża' kontinwa li jitkeċċew jew li jiġu diportati.

Xogħol mhux dikjarat u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socċjali minn min iħaddem, idgħajjfu wkoll il-mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni tas-soċjetà tagħna, billi jiffinanzjaw is-sigurta' u l-protezzjoni soċjali, li tipprovdi struttura mhux sostenibbli għall-ekonomija, u li jwassal għal iżjed faqar u esklużjoni soċjali.

# 2. X'POLITIKA TA' REAZZJONI? KWISTJONIJIET PRINĊIPALI TAL-EAPN

Kif elenkat fis-sezzjoni ta' qabel, il-faqar fix-xogħol huwa fenomenu kumpless, li jaffettwa individwi fi żminijiet differenti u f'modi differenti. F'ħafna modi, il-konsegwenti ta' nies li jesperjenzaw il-faqar waqt li qegħdin fix-xogħol ma jvarjax minn ħaddieħor li qed jgħix fil-faqar u ma jaħdimx: il-ġ;idiet u l-isfidi iffaċċjati minn persuni li qed jgħixu bi dħul baxx huma l-istess, irrelevanti mis-sors ta' dak id-dħul baxx. Dan huwa punt importanti: il-linji diviżorji bejn dawk li qegħdin fil-faqar għax ma jaħdmux u dawk li jaħdmu hija aktar mhux ċara. Ħafna analiżi dwar dan il-fenomenu ħafna drabi jpoġġi ir-responabilita fuq in-nies infushom, bil-ħtija tas-sitwazzjoni tal-faqar tintefa' fuq iċ-ċirkostanzi personali, bħal livell baxx ta' ġiliet, li jkun ġenitur waħdu, li jkun hemm l-għażla ta' familja kbira eċċ. Iżda numru ta' fatturi strutturali jenfasizzaw il-kwistjoni tal-ħaddiema fqar, inklużi xi wħud mill-għażliet tal-ħajja li huma kkunsidrati bħala "personali".

Huwa importanti li jkun ċar mill-bidu li politika mfassla biex ittejjeb l-inċentivi tax-xogħol weħidha mhux ser neċessarjament tindirizza il-faqar fix-xogħol. Uħud mill-politiki li huma msemmija mill-politiċi bħala li jindirizzaw il-faqar fix-xogħol, jew bħala "xogħol li jirrendi", huma fil-fatt b'mod aktar preċiż, meqjusa bħala inċnetivi ta' titjib għall-individwi li jiċċaqalqu fis-suq tax-xogħol, u huma pjuttost mmirati lejn sitwazzjoni fejn ikollna nies li ma jiddependux fuq il-benefiċċji soċjali, aktar milli li jiżgurawlhom ħajja deċenti. Minħabba l-kumplessita' tal-kawżi tal-faqar fix-xogħol kif imsemmija hawn fuq, m'għandiex tkun sorpriża li dipendenza fuq forma waħda ta' sapport mhix suffiċjenti biżżejjed biex b'mod effettiv tindirizza il-fenomenu kumpless tal-faqar fix-xogħol.

F’din is-sezzjoni se nħarsu lejn uħud mill-kwistjonijiet prinċipali ta’ membri tal-EAPN dwar il-faqar fix-xogħol u l-konsegwenzi għal dawk li qed jesperjenzaw dan il-fenomenu, kif ukoll l-effett ta’ xi politika li kienet immirata li tindirizza dan. Dan il-kapitlu jibni fuq analiżi komprensiva meħuda minn membri tal-EAPN f’dawn l-aħħar erba’ snin, u tradotti f’numru ta’ publikazzjonijiet, fost oħrajn: żewġ rapporti fuq l-impatt soċjali tal-kriżi fl-2009 u l-2010 (EAPN 2010, EAPN 2011a), ktieb iddedikat lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta’ Inklużjoni Attiva (EAPN 2011c), tlett rapporti li analiżaw il-Programmi ta’ Riforma Nazzjonali fl-2011, 2012, 2013 (EAPN 2011d, EAPN 2012d, EAPN 2013c) u r-Rakomandazzjonijiet Speċifiċi tal-Pajjiżi fl-2012 u l-2013 (EAPN 2012b, EAPN 2013a).

## *2.1. Pagi baxxi, kwalita’ ta’ ħajja baxxa*

Kif wieħed jista’ jirraġuna, dħul baxx ifisser li ma tkunx tista’ tħallas għall-bżonnijiet bażici kollha, u jwassal għal għażliet diffiċli bejn x’inhu l-essenzjali. Persuni li jirċievu paga baxxa ħafna drabi jesperjenzaw deprivazzjoni materjali kif ukoll esklużjoni soċjali. Pagi minimi, meta jeżistu, spiss ma jkunu ilaħħqu mal-ispejjeż attwali tal-għixien u l-prezz ta’ oġġetti u servizzi. Hemm bżonn li jkun hemm ġerarkija bejn il-livellta’ benefiċċji, li m’għandhomx ikunu iktar baxxi mil-linja tal-faqar, u l-paga minima hemm bżonn li tiżdied biex tipprovdi inċentivi għax-xogħol. Xogħol bi ħlas għandu jipprovdi paga ta’ għixien f’sens pożittiv, mingħajr ma jimminaw l-adegwatezza tal-iskemi ta' dħul minimu. Persuni li qed jesperjenzaw il-faqar m’għandhomx ikunu penalizzati għax jidħlu fid-dinja tax-xogħol, billi jitilfu il-beneifċċji li tant għandhom bżonn, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi.

Kif deskritt hawn fuq, il-problema tal-faqar fix-xogħol tgħaqqad il-kwistjoni ta’ pagi baxxi ma’ kwalita’ baxxa ta’ mpjieg. F’dan il-kuntest, kwalita’ baxxa ma jfissirx awtomatikament xogħol temporanju jew part-tajm. Kif nafu, xi xogħlijiet temporanji huma mġallsa tajjeb u huma ta’ ‘kwalita’ tajba (jekk inħarsu f’termini ta’ status, kontroll, opportunitajiet għal avvanz, eċċ.).

Iżda, dawn mhumiex ix-xogħlijiet temporanji li persuni li qed jesperjenzaw il-faqar tipikament jirnexxielhom jaċċessaw. Xogħlijiet li għandhom rati baxxi ta’ paga huma ħafna drabi dawk fejn id-drittijiet bażiċi tax-xogħol ma jeżistux. Nuqqas ta’ dritt għal btajjel (anke meta dan id-dritt ikun kopert mil-liġi), bla aċċess għal paga f’kaz ta’ mard, leave tal-maternita’/paternita’, sigħat twal ħafna jew qosra jew sigħat mhux prevedibbli. Dawn kollha huma parti mill-istampa ta’ faqar fix-xogħol.

Dawn huma żminijiet allaranti fejn qed naraw pressjoni dejjem tiżdied biex jitbaxxew il-pagi, jew bħala mezz biex innaqqsu l-ispejeż tax-xogħol u tingħata spinta lill-produttivita’ u l-kompettitivita, jew bħala mezz biex nibbilanċjaw il-baġit pubbliku. F’kuntest fejn id-diskors politiku jidher li qed iħares lejn il-kapital uman biss bħala fattur ta’ produzzjoni, hemm riskju reali li l-faqar fix-xogħol jiżdied. Għal xi żmien kien hemm xewqa għal swieq tax-xogħol aktar flessibbli kemm fuq il-parti ta’ min iħaddem kif ukoll tal-Gvernijiet. Gvernijiet qed jimxu lejn aktar flessibilita’ f’li jkeċċu u jikru, jbiddlu il-liġijiet tax-xogħol u riformi operattivi, kultant mingħajr ma jikkonsultaw lill-imsieħba soċjali.

*Ma kontx naf minn ġimgħa għall-oħra kemm se ningħata sigħat, jekk ikun hemm. Kienet verament diffiċli. Konna rridu nissuperraw meta nkunu morda, għax ma stajtx taffordja li l-paga tiegħek titwaqqaf, u qatt ma konna nafu liema festi konna intitolati għalihom.*

**Sarah, UK**, f'Poverty Alliance 2010

*Jekk persuni huma morda, ma kienux jiġu kkumpensati wara tlett ijiem. Ħaddiema jmorru għax-xogħol anke meta huma morda. Il-ħaddiema mhumiex konxji tad-drittijiet tagħhom.*

**Parteċipant fil-11-il edizzjoni tal-Laqgħa Ewropea - People Experiencing Poverty**, EMPEP 2011

*Qed naqla' paga baxxa – ftit iżjed mill-paga minima nazzjonali. Ma nista naffordja l-affarijiet li għandi bżonn. Wara li nħallas ir-renta ta' €150 fix-xahar, inħallas it-trasport u l-ikel, kważi ma jkun għad fadalli xejn.Bl-għajnuna mill-familja tiegħi qed jirnexxieli ngħaddi*

**Maria, Portugall**, fl-EAPN 2006

*Definittivament naħseb li kulħadd jixraqlu dan [il-paga tal-għixien]. Din trid tkun aħjar mill-paga minima. Min jista' attwalment jgħid lin-nies jistgħu jgħixu fuq l-minimu - jien ċerta li l-persuni li ħarġu bil-figuri mhumiex jgħixu fuq il-paga minima.*

**Ħaddiema femmininli fil-catering, UK**, EAPN 2011b

*Hemm pressjoni f'setturi speċifiċi fuq il-paga minima. Sentenza tal-Qorti riċenti se tnaqqas is-salrji għal ċertu xogħlijiet fis-settur tal-kostruzzjoni b'7%. Trejd unjins huma kkonċernati għax dan se jkollu effett u impatt dirett fuq ħaddiema bi dħul baxx.*

**EAPN Spain**, EAPN 2011a

*Jiena lest naħdem billi noqgħod innaddaf it-toroq. Kull ma rrid flus biżżejjed biex ngħix ħajja normali.*

**Julian, Bulgarija**, EAPN 2006

*Aħna persuni diċenti u rridu naħdmu b'pagi diċenti – aħna irridu ħajja diċenti.*

**Parteċipant tal-10 edizzjoni tal-Laqgħa Ewropea - People Experiencing Poverty**, EMPEP 2010

*Id-drittijiet tal-ħaddiem (li jaqilgħu ftit) huma mhedda, filwaqt li l-pressjoni fuq il-pagi tikber.*

**EAPN Belgium,** in EAPN 2013c

*M'hemm xejn (fl-NRP) dwar salarji u l-fqar li qed jaħdmu*

**EAPN Bulgarija,** EAPN 2013c

Tista' taqra iżjed dwar il-kampanji dwar il-Pagi tal-Għixien fi Scotland u partijiet oħra tar-Renju Unit fil-ktejjeb *Active Inclusion* (EAPN 2011c) u edizzjoni speċjali tal-*Anti-Poverty Mag,* iddedikat lill-kwalita' fix-xogħol (EAPN 2011e).

## 2.2 Top-ups u krediti tat-taxxa

Fl-Ewropa, aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-Gvernijiet qed jissuplixxu pagi baxxi biex jgħinu jagħtu spinta lid-dħul totali tal-familja.

Il-*revenu de Solidarite Active (RSA)* fi Franza huwa fi ħdan l-approċċi integrati li ġew żviluppati biex tindirizza l-faqar fl-Ewropa u bnadi oħra matul l-aħħar 20 sena.

Il-ħolqien tal-*Earned Income Tax Credit (EITC)* fl-Istati Uniti tal-Amerika fid-disgħinijiet kien attentat bikri biex jikkumpensa ħaddiema imħallsa pagi baxxi li għandhom it-tfal.

Lejn l-aħħar tad-disgħinijiet u tul is-snin 2000, il-Gvern Ingliż għamel sensiela ta' riformi lis-sistema ta' *Working Tax Credits*, li għamel is-sistema progressivament aktar ġeneruża u inkluda aktar ħaddiema (ħafna minn dawn probabbli ma jkunux ikklassifikati bħala jitħalllsu ftit jew foqra).

B'mod notevoli, fir-Renju Unit, il-paga minima nazzjonali kienet introdotta wkoll matul dan il-perjodu. Iżda, ħafna minn dan ix-xogħol issa ġie imminat b'tibdiliet riċenti lis-sistema tat-taxxa u proposti biex tkun riveduta il-paga minima. Ħafna drabi, il-kreditu ta' taxxa propost, ma jistax jikkumpensa għat-telfa ta' servizzi b'xejn jew bi prezz ridott u beneifċċji oħra – eż., benefiċċji ta' akkomodazzjoni, trasport, kura għat-tfal, saħħa, eċċ.

Dawn il-miżuri kollha jfittxu li jassiguraw lin-nies li jidħlu f'xogħol imħallas bi ftit, jaraw progress reali fid-dħul finanzjarju tagħhom, billi jipprovdu top-up biex iħallsu permezz ta' benefiċċju jew kreditu ta' taxxa. Dan għandna nilqgħuh. Li nagħtu spinta fid-dħul ta' dawk li qed jgħixu fil-faqar, kemm jekk il-faqar huwa riżultat ta' qgħad jew ta' xogħol imħallas baxx, huwa riżultat li l-EAPN tappoġġja.

Iżda filwaqt li dawn il-politiki kienu mportanti biex joħorġu persuni mill-faqar, jista' wkoll ikollhom konsegwenzi mhux intenzjonati. Filwaqt li krediti ta' top-up jagħmlu l-ħajja aktar faċli, fl-istess waqt jinkoraġġixxu kultura ta' pagi baxxi fost min iħaddem, u jonqsu milli jieħdu f'kunsiderazzjoni it-telfa tas-servizzi b'xejn (ara fuq).

Hemm bżonn li dawk li jfasslu l-politika jifhmu l-isfida li ħafna ħaddiema jiffaċċjaw meta jagħmlu it-tranżizzjoni minn benefiċċji għal xogħol bl-użu ta' krediti ta' taxxa u politiki simili. Huwa mportanti li ninnutaw li l-punt ta' tluq għal kull politika li trid tindirizza l-faqar fix-xogħol, għandha tkun paga diċenti standard.

Per eżempju, ir-riformi ta' hartz fil-Ġermanja ma naqqsux il-faqar fix-xogħol, imma sfurzat dawk li qed ifittxu xogħol, jaċċettaw impjiegi b'pagi baxxi. Dan, ikkumbinat min-nuqqas ta' skemi ta' paga minima, il-promozzjoni mhux tipika, xogħol prekarju, u l-ispinta għal pagi baxxi b'benefiċċji soċjali addizzjonali (mhux krediti ta' taxxa) wassal għal tkabbir enormi fis-settur tal-pagi baxxi fil-Ġermanja f'dawn l-aħħar snin, b'20% tal-ħaddiema għandhom pagi baxxi.

L-iskemi għat-tnaqqis tat-taxxa fin-Norveġja għandhom intenzjonijiet tajba, imma burokrazija komplikata u nuqqas ta' informazzjoni tipprevjenihom milli jagħmlu id-differenza vera.

Fl-Irlanda, politiki ta' taxxa bl-għan li jappoġġjaw lil dawk bi dħul baxx ma ppruvawx li kienu effettivi u l-kriżi finanzjarja ġeddet il-fokus fuq il-kompetittivita, b'min iħaddem jara l-paga minima kurrenti bħala wisq ġeneruża. Il-*Family Income Supplement* hija miżura ta' min jilqagħha, imma tittieħed bil-mod peress li mhix pagament awtomatika, iżda irid ikun hemm talba għaliha.

Jekk ir-rati tal-faqar niżlu verament b'riżultat tal-introduzzjoni tat-top-ups u l-ktediti tat-taxxa, huwa ċertament il-fattur l-aktar kritiku li għandu jiġi kkunsidrat meta wieħed iħares lejn is-suċċess ta' din il-politika ta' intervent.

Fi Franza, jista' jkun li l-esperjenza mal-RSA hija wisq riċenti biex ikun stmat l-impatt dirett fuq il-livell ta' faqar ġenerali.

Fir-Renju Unit, issa hemm aktar minn 10 senin ta' esperjenza fuq is-sistemi ta' appogg lil ħaddiema bi dħul baxx permezz ta' krediti tat-taxxa (is-sistema kurrenti ta' krediti ta' taxxa kienet intordotta fl-2003). Parekh et al (2009) innutaw li filwaqt lis-sistema ta' kredit tat-taxxa kien suċċess biex madwar 300,000 tifel u tifla f'familji li jaħdmu,joħorġu mill-faqar, din is-sistema kienet imminata min-numru akbar ta' krediti ta' taxxa li kienu bżonn, hekk kif aktar nies bdew jispiċċaw f'impjieg bi dħul baxx.

Għalhekk, filwaqt li politiki bħal dawn jistgħu jħallu impatt pożittiv fuq il-faqar filf-amilja u fit-tfal, mingħajr azzjoni proporzjonata li tindirizza il-prevalenza ta' xogħol bi dħul baxx (jew livelli ta' paga f'setturi partikolari u tipi ta' impjieg), u kwalita' baxxa ta' xogħol in ġenerali, l-effetti kontra l-faqar ta' miżuri bħal dawn se jkun imminati.

*It-tieni taxxa fuq id-dħul intordotta fl-2009 tħalli mpatt fuq dawk bil-paga minima, minkejja il-politika imsemmija qabel li dawk bil-paga minima ma jinqabdux bit-taxxa.*

**EAPN Irlanda,** EAPN 2010

*Is-sistema ta' krediti ta' taxxa trid tiġi ristrutturata kompletament. M'hemmx inċentiv għall-persuni li jaħdmu biex jieħdu promozzjoni jew jaħdmu aktar sigħat, għax jispiċċaw jaqilgħu anqas. Il-gvern vera għandu bżonn jifhem dan. Dan mhux dwar li tlaħħaq biex tgħix imma dwar standard diċenti ta' għixien, li jkollok ħajja!*

**Stephen, UK**, in Poverty Alliance 2010

*L-iffukar fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi għandha tagħti priorita' lill-impjiegi ta' kwalita' u tassiguraw li kulħadd jibbenerika. F'dan il-kuntest huwa mportanti li jkun addottat approċċ li jindirizza l-problema tal-faqar fix-xogħol u n-nases ta' faqar eżistenti.*

**EAPN Ireland**, in EAPN 2012b

## 2.3. Pass 'il quddiem jew nerġgħu fejn konna?

Iż-żieda ta' kuntratti qosra, prekarji u xogħol permezz ta' aġenzija, wassal biex aktar u aktar nies mhux qed jirnexxielhom jiddpeendu fuq dħul stabbli għal perjodi twal ta' żmien. Dan iwassal aktar lill-ħaddiema fqar għal qgħad u li jesperjenzaw il-faqar milli li verament ikunu ħaddiema, għaliex ġafna drabi

dawn il-persuni jimmigraw bejn żmien ta' xogħol u żmien ta' qgħad, mingħajr mas-sitwazzjoni tagħhom tinbidel b'mod sinifikanti minn stadju għal ieħor.

Dawn l-impjiegi ta' kwalita' baxxa u bla stabbilita', ħafna drabi huma promossi bħala tarġa għal xogħol aħjar u sostenibbli, imma r-realta' ħafna drabi tikkontradixxi din is-suppożizzjoni. Aktar minn hekk ix-xejra riċenti fil-politiki ta' attivazzjoni huwa li jinfurzaw sanzjonijiet stretti, bħal telf parzjali jew komplet ta' appoġġ finanzjarju jekk in-nies ma jaċċettawx kwalunkwe xogħol propost, filwaqt li spiss il-kuntratti miksuba huma għal żmien qasir, bla sigurta', u jipprovdu paga baxxa.

Din ir-realta' tnaqqas aktar u aktar l-inċentivi li wieħed iffittex ix-xogħol. Barra minn dan, it-tranżizzjoni bejn benefiċċji u xogħol bi ħlas u lura ħafna drabi toħloq problemi, u l-familji kultant isibu lilhom infushom bla dħul, filwaqt li jimxu minn status għal ieħor.

Dan jikkrea nassa ta' faqar li huwa diffiċli ħafna li wieħed joħroġ minnu jqajjem varjazzjonijiet fid-dħul finanzjarju (b'perjodi ta' bla dħul jew dħul imnaqqas), kif ukoll it-telf tal-benefiċċji. Aktar milli tarġa għal xogħol aħjar, impjieg ta' kwalita' baxxa qed iservi bħal bieb li jwassal għal faqar fix-xogħol jew faqar barra mix-xogħol.

Ħafna żoni tal-ekonomija fejn hemm paga baxxa, u għalhekk l-faqar fix-xogħol huma l-aktar prevalenti huma wkoll dawk l-oqsma fejn sħubija fi trejd unjin hija fl-inqas livell. Dan jinkludi żoni ta' tkabbir tal-ekonomija bħall-qasam tal-imnut, l-ospitalita', servizzi finanzjarji u servizzi personali.

Minħabba l-importanza ta' dawn is-setturi tal-ekonomija f'termini ta' tkabbir fl-impjiegi, huwa vitali li dawn il-ħaddiema jingħataw l-opportunità li jissieħbu fi trejd unjin u biex jiksbu l-protezzjoni li huma jipprovdu. Barra minn hekk, id-dgħjufija relattiva tat-trejdjunjins f'dawn is-setturi jenfasizza l-ħtieġa għal protezzjoni statutorja effettiva għal dawn il-gruppi ta' ħaddiema, bħall-pagi minimi, pensjonijiet statali adegwati, eċċ.

*Min iħaddem ma jirrispettax la lilna u lanqas id-drittijiet tagħna. Jistennew li aħna nieħdu kull tip ta' xogħol, li mhux biżżejjed għalina u għal ħtiġijiet tal-familja tagħna.*

**Parteċipant fl-10 edizzjoni tal-Laqgħa Ewropea - People Experiencing Poverty**, 2010

*Hemm attentat li titnaqqas il-kwalita' tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, imma it-trejd unjins qed jiġġieldu biex dawn jinżammu u filfatt hemm żieda f'impjiegi temporanji; hemm ftit impjiegi ġodda, b'paga baxxa u b'anqas sigurta'.*

**EAPN Netherlands** - EAPN 2010

*Il-miżuri li ttieħdu ma jagħmlu xejn għal fqar, xejn biex jikkreaw impjiegi ġodda, u xejn biex jappoġġjaw lill-miljuni ta'nies li qed jaħdmu f'xogħlijiet b'insigurta' kbira.*

**EAPN Italy -** EAPN 2010

*Xogħol waħdu mhux se jiggarantixxi triq 'il barra mill-faqar. Huwa evidenti li persuni fqar qed jimxu minn fqar bla xogħol għal ħaddiema fqar.*

**EAPN Malta -** EAPN 2011d

*Il-miżuri proposti* [fl- NRP] *(jnaqqsu l-protezzjoni tax-xogħol bil-kodiċi tar-riforma fix-xogħol; hekk imsejħa suq intermedjarju tax-xogħol) jistimula il-ħolqien marġinali, anqas protett u impjiegi ta' kwalita' baxxa b'paga indiċenti.*

**EAPN Poland -**EAPN 2011d

*Jista' jkun hemm aktar xogħol [...]għal gruppi esklużi, imma b'kundizzjonijiet taħt dak normali fis-suq tax-xogħol fejn għandna ftehim kollettiv. Aktar bħal attivazzjoni u xogħol b'beneifċċji.*

**EAPN Denmark -** EAPN in 2012d

*Miżuri ta' attivazzjoni mingħajr il-kwalita' fix-xogħol kreat, mhumiex triq biex noħorġu lin-nies mill-faqar, imma qed inżidu r-riskju biex jibqgħu filf-aqar. Investu f'impjieig ta' kwalita' (sostenibbli, pagi tajbin u aċċessibbli) u appoġġjaw nies esklużi f'dawn l-impjiegi.*

**EAPN Belgium -** EAPN 2012b

*Hemm flessibilita' dejjem tiżdied fil-kuntratti tal-impjieg*

**EAPN Italy -** EAPN 2013c

*It-tħassib tagħhom huwa relatat mal-livell għoli ta aċċettazzjoni tal-faqar fix-xogħol, kifl-NRP jitkellem dwar aktar flessibbiltà tal-pagi.*

**EAPN Sweden -** EAPN 2013c

## *2.4. Aċċess għas-servizzi*

Il-faqar mhuwiex dwar id-dħul, imma wkoll, fost affarijiet oħra, aċċess għas-servizzi prinċipali. Parti kbira tal-popolazzjoni jiffaċċjaw kwistjoni serja ta' nuqqas ta' servizzi ta' kwalita', affordabbli u aċċessibbli. L-akkomodazzjoni hija problema sostanzjali, speċjalment peress li parti kbira mid-dħul finanzjarju f'dar, jintefaq fuq kera jew biex jitħallsu il-pagamenti ta' self, li l-prezz tagħhom ra żieda kontinwa, li ma kienitx riflessa f'żieda fil-pagi jew għajnuna għall-akkomodazzjoni għal familji żvantaġġati.

Aċċess għal edukazzjoni jew servizzi tas-saħħa qed ikun aktar restritt, bi prezz li qed jogħla u limiti fuq kopertura u aċċess ugwali mfixkel minn fatturi bħal nuqqas ta' infrastruttura, diskriminazzjoni, faqar u ostakoli oħra.

Esklużjoni finanzjarja u l-aċċess limitat għal servizzi bankarji effettivament iżommu nies milli jkollhom aċċess għall-kreditu jew self ġust, lil kont bankarju, u għall-prodotti finanzjarji.

Spiss, li jattendu l-iskola jew tip ieħor ta' taħriġ, li jmorru għax-xogħol jew li jaċċessaw servizzi oħra huwa mxekkel bit-trasport inadegwat jew għali wisq, li jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-integrazzjoni sinifikanti fil-komunità u jista' jwassal għal esklużjoni soċjali.

Fl-aħħarnett, aċċess għal servizzi ta' kura ta' kwalita' u affordabbli (għat-tfal, imma wkoll għall-anzjani, dawk b'diżabilita' jew dipendenti oħra) huwa prirekwizit sine qua non għal ħafna nies, speċjalment nisa, biex jingaġġaw f'impjieg bi qliegħ, li jipprovdi paga stabbli u futur sigur għall-familja.

Pagi u l-operazzjoni tal-benefiċċji fix-xogħol bħal Krediti ta' Taxxa jew RSA mhumiex l-uniċi fatturi li jistgħu jgħinu familji u individwi joħorġu mill-faqar fix-xogħol.

Is-servizzi jilgħabu rwol vitali biex jipproteġu djar minn faqar fix-xogħol. Minn kirjiet sussidjati f'akkomodazzjoni soċjali, għad-disponibilita' ta' kura għat-tfal aċċessibbli bi spejjeż baxxi, servizzi diċenti, jistgħu jagħmlu differenza bejn xogħol li jsakkar lin-nies fil-faqar, għal wieħed li eventwalment jista' jsir triq biex wieħed joħroġ mill-faqar.

*X'inhu nieqes huwal-fokus fuq protezzjoni soċjali akbar - il-liġi l-ġdida tax-xogħol ixxaqleb b'qawwa lejn min iħaddem,bi dħul minimu u servizzi soċjali aċċessibbli huma nieqsa.*

**EAPN Estonia -** EAPN 2011d

*B'riferenza għall-approċċ sħiħ u integru, għandu jkun msemmi li l-link għal servizzi soċjali oħra eżempju akkomodazzjoni, hu nieqes.*

**EAPN Austria** - EAPN 2013c

## 2.5. Fatturi ta' riskji għal gruppi prinċipali

Kif indikat aktar 'il fuq, gruppi differenti huma esposti iżjed għall-faqar fix-xogħol, fatt li mhux dejjem jiġi indirizzat jew li jittieħed f'kunsiderazzjoni fil-politiki. Hemm relazzjoni ċara u persistenti bejn sess u faqar fix-xogħol. Parti minn dan huwa riżultat tas-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol (in-nisa ħafna drabi jaħdmu f'setturi li tipikament iħallsu pagi baxxi, eż. Servizzi, kura u manifattura), parti minħabba diskriminazzjoni kontra ħaddeima nisa (nuqqas ta' stima lejn impjiegi tipikament assoċjati man-nisa), u riżultat lin-nisa għandhom ir-responsabilita' primarja għal kura.

Dan il-punt tal-aħħar ifisser lin-nisa għandhom aktar probabbilita' li jaħdmu xogħol part-tajm, f'xogħlijiet li jista' jkun li jħallsu baxx. In-nisa huma għalhekk aktar probabbli li jkunu dipendenti fuq servizzi bħa; kura għat-tfal, li jippermettulhom ikunu attivi fis-suq tax-xogħol. Iżda, jekk il-pagi huma baxxi, l-isforzi huma inutli, għax kultant lanqas ikopru l-ispejjeż tal-kura li huma essenzjali biex il-mara taħdem.

Hemm xi gruppi ta' ħaddiema li huma partikolarment suxxettibli li jitħallsu pagi baxxi u allura li huma f'riskju ta' faqar fix-xogħol, kif irreferut qabel. Dawn jinkludu żgħażagħ, ħiliet baxxi, persuni b'diżabilita', migranti u minoritajiet etniċi u oħrajn. Għal darb'oħra, dawn il-ħaddiema probabbli ma jibbeneifkawx mill-protezzjoni ta' sħubija ma' trejd unjin.

Iżda, li jkollok sempliċi protezzjoni statutorja f'postha ukoll mhux biżżejjed biex tassigura li dawn il-gruppi ta' ħaddiema mhumeix f'riskju pgħla ta' faqar. Hemm bżonn ta' provvista ta' servizzi integrata u

komprensiva, li tindirizza il-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-kategoriiji, biex effettivament tipproteġijom mill-faqar, kemm fix-xogħol jew barra minnu, bħala parti minn sistema ta' protezzjoni soċjali, kontra kull riskji.

> *L-introduzzjoni ta' impenn obbligatorju mas-suq tax-xogħol minkejja ftit riżultat f'termini ta' kura tat-tfal, taħriġ u edukazzjoni jew opportunitajiet ta' impjieg suffiċjenti toħloq diffikultajiet qawwija għall-ġenitur waħd. Mill-2008 sal-2009, id-deprivazzjoni materjali għal familji b'ġenitur wieħed żdied b'iktar minn 20%.*
>
> **EAPN Irlanda -** EAPN 2011a
>
> *Jiena naħdem f'kamp tar-refuġjati...huwa diffiċli ħafna li ġġib il-pagi minimi – il-ħaddiema ma jġibux dan għax huwa illegali.*
>
> **Parteċipant fl-10 edizzjoni tal-Laqgħa Ewropea - People Experiencing Poverty**, EMPEP 2010
>
> *Dawk impjegati fil-prekarjat huma l-ewwel li jitilfu l-impjieg tagħhom, u l-fatt li l-qgħad dejjem qed jiżdied jagħmilha dejjem aktar diffiċli għalihom li jsibu wieġed ġdid. Fost dawn, in-nisa u l-ġenituri weħidhom, minoritajiet etniċi u migranti, kif ukoll persuni b'ħiliet baxxi, huma l-gruppi l-aktar affettwati.*
>
> **EAPN Ġermanja -** EAPN 2010
>
> *Ħaddiema minn pajjiżi oħra huma mħallsa taħt il-paga minima: lura għall-paga minima u adegwata u għal dħul aktar ugwali, djar diċenti u l-faċilitajiet u d-dinjità għal kulħadd li jgħix u jaħdem fl-Olanda*
>
> **EAPN Olanda -** EAPN 2012b

# 3. L-IMPATT TAL-KRIŻI U L-MIŻURI T'AWSTERITA'

Il-kriżi ekonomika u finanzjarja kif ukoll il-pjanijiet kurrenti għall-irkupru permezz tal-awsterita', kellhom implikazzjonijiet soċjali serji ħafna. Is-sitwazzjoni tal-persuni li kienu qed jesperjenzaw il-faqar fix-xogħol, marret għall-agħar bil-kriżi, fl-isfont tal-instabilita' ġenerali tas-suq tax-xogħol, ikkaratterizzat minn tnaqqis mid-domanda għax-xogħol, kundizzjonijiet ta' xogħol ħżiena, u pressjoni għal tnaqqis fil-pagi, akkumpanjat minn qtugħ ta' servizzi u benefiċċji soċċjali essenzjali.

Membri tal-EAPN irrappurtaw b'mod estensiv fuq il-konsegwenzi tal-kriżi fuq is-sitwazzjoni tax-xogħol fl-istati membri u kif dan ħalla mpatt fuq il-faqar u l-esklużjoni soċjali in ġenerali (EAPN 2010a u EAPN 2011a) u resqu 'l quddiem il-proposti alternattivi tagħhom għal irkupru inklussiv. (EAPN 2012a). Membri tal-EAPN issorveljaw il-politiki nazzjonali anke fil-qafas tal-assessjar annwali tal-EAPN tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali, ir-Rapporti Socċjali Nazzjonali u r-Rakomandazzjonijiet tal-Pajjiżi Speċifiċi (EAPN 2011c, EAPN 2012b, EAPN 2012d, EAPN 2013a, EAPN 2013c).

Bl-istess mod, l-EAPN ipproduċiet rapport dwar il-konsegwenzi soċjali negattivi imposti mill-ftehim, f'uħud mill-pajjiżi (Greċja, Irlanda, Portugall, Rumanija) li rċevew assistenza finanzjarja esterna mill-Kummissjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali, u fil-kaz ta' pajjiżi fiż-żona Ewro, mill-Bank

Ċentrali Ewropew. Ħafna mix-xejriet li l-membri tal-EAPN identifikaw jaggravaw il-faqar fix-xogħol kemm f'qasir żmien kif ukoll fit-tul (EAPN 2013d).

L-impatt l-aktar ovvju tal-kriżi ekonomika kien il-qerda ta' miljuni ta' mpjiegi fl-Ewropa. L-ETUC tistma li 4 miljun impjieg intilfu fl-2009 biss. (ETUC 2010).

Dan mhux biss kellu impatt dirett fuq dawk li tilfu x-xogħol, jew fuq dawk li riedu jirritornaw fis-suq tax-xogħol, imma wkoll lil dawk li kienu għadhom fl-impjieg. Hekk kif il-kriżi ekonomika tkompli, hemm pressjoni dejjem tiżdied fuq dawk li qed jaħdmu f'impjieg b'paga baxxa.

*Bil-kriżi, kumpaniji privati naqqsu l-ispiża tal-personnel, jew billi naqqsu il-ħin tax-xogħol jew billi damu biex iħallsu l-pagi.*

**EAPN Ungerija -** EAPN 2010

*Dawk bi dġul baxx u li jibbeneifkaw mill-benefiċċji f'akkomodazzjoni mikrija, u li jonfqu ħafna mid-dħul tagħhom fuq utilitajiet, trasport u ikel, l-iktar li raw l-income tagħhom imnaqqas.*

**EAPN UK** - 2010

Hekk kif il-kriżi ekonomika kompliet, bosta gvernijiet ippruvaw jirrestrinġu il-benefiċċji soċjali u li jiffriżaw jew jagħtu anqas żidiet lill-paga minima. Fl-aħħar mill-aħħar, dawn il-miżuri la se jgħinu l-ekonomiji joħorġu mill-kriżi u lanqas mhu se jindiirzzaw il-problema ta' pagi baxxi.

Filwaqt li l-paga minima nazzjonali kompliet tiżdied għal ħaddiema adulti fir-Renju Unit, ir-rata għall-ħadiema żgħażagħ ilha iffriżata mill-2012 (Mulholland 2012). Dan bla dubju se jżid il-faqar fix-xogħol għal dawk id-djar li joqgħodu fuq id-dħul taż-żgħażagħ, u m'hemmx evidenza li l-iffriżar tal-paga minima tistimula it-tkabbir tal-impjigi għaż-żgħażagħ.

*Nies taħt it-18 fejn naħdem jiena jaqilgħu £3.57 fis-siegħa. Ma nistax nifhem għaliex, meta qegħdin jagħmlu l-istess xogħol tagħna, u jieħdu daqstant inqas. Fil-prinċipju ovvjament naħseb li l-paga minima għandha tkun ogħla milli hi, imma naħseb kullħad irid ikollu l-istess rata jekk qed jagħmlu l-istess xogħol.*

**Amy, UK** - Poverty Alliance 2010

*L-impatt tal-kriżi hi partikolarment importanti fuq persuni vulnerabbli f'pajjiżna fejn m'hemmx Skemi ta' Dħul Minimu.*

**EAPN Italja -** EAPN 2010

*Il-pjan t'awsterita' ta' 4 snin tal-gvern il-ġdid jinkludi tnaqqis fil-paga minima b'€1 għal €7.65. Din issa se tpoġġi pressjoni fuq ftehim settorjali fuq paga minima u bit-taxxa u bidliet oħra se tkompli żżid ir-riskju ta' faqar fix-xogħol.*

**EAPN Irlanda -** EAPN 2011d

Biex jiddefendu ix-xogħol preżenti jevitaw li jixħtu l'barra l-impjegati, min iħaddem għażel arranġamenti ta' xogħol temporanju b'ħin ridott, miżura li uriet li kienet pjuttost suċċess.  Iżda l-applikazzjoni tagħha varjat minn pajjiż għal ieħor.  Filwaqt li hija miżura milqugħa biex nippruvaw nipprevjenu l-qgħad, ħafna drabi li l-ħaddiema jaħdmu anqas sigħat kienet sinonima ma' paga anqas. Xi pajjiżi pprovdew kumpens addizjonali, biex il-ħaddiema jilħqu l-livell tal-paga li kellhom, filwaqt li f'pajjiżi oħra,il-ħaddiema kellhom joqogħdu bi tnaqqis fil-paga hekk kif ħadmu anqas sigħat.

*Ir-realta' ta' pagi baxxi (minħabba tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol) iġib miegħu żieda fid-diejn tal-individwi u l-familji.*

**EAPN Republika Ċeka -** EAPN 2010

Fis-settur privat, xi pajjiżi jirrapurtaw tnaqqis fil-livelli tal-pagi anke għal xogħol full-time. Jekk inwarrbu li l-Gvernijiet għandhom it-tendenza li jbaxxu il-paga minima, f'attentat li jiddefendi l-impjiegi li jekk mhux hekk, ikunu mitlufa, fis-settur privat, min iħaddem ukoll għandu t-tendenza li jnaqqas it-telf u li jerġa jikseb il-kompettitivita' billi jnaqqas l-ispejjeż tal-produzzjoni billi jnaqqas il-kont tal-pagi.

Fis-settur pubbliku, numru ta' impjiegi ntilfu u f'ċerti pajjiżi tpoġġiet embargo fuq xi mpjiegi ġodda. Il-pagi fis-settur pubbliku tnaqqsu b'mod sinifikattiv, b'uħud mill-pajjiżi, bħar-Rumanija, laħqet il-25%, fi sforz biex jikkonformaw ma' kundizzjonijiet stretti rigward id-deficit, li akkumpanja self mill-IMF li tant kienu bżonnjużi. Sitwazzjonijiet simili kienu nnutati f'pajjiżi oħra li rċevew l-assistenza ta' bail-out, bħal Greċja, l-Irlanda, jew il-Portugall, fejn miżuri bħal dawn huma meħtieġa permezz tal-*Memoranda of Understanding* (MoU). (Għal aktar informazzjoni ara EAPN 2013d)

*Ir-riformi fis-suq tax-xogħol taw prijorità t-tnaqqis ta' sigurtà ta' impjieg u t-tnaqqis tal-ispejjeż għal kull unità tax-Xogħol – naqqsu d- dħul minħabba tassazzjoni ogħla fuq l-impjieg, aktar flessibbilita' fl-organizzazzjoni tal- ħin tax-xogħol, naqqsu s-sahra ul- paga u r-raġunijiet akbar għat-tkeċċija tal-ħaddiema li probabbilment se jikkontribwixxu għaż-żieda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali (inkluż il-faqar fix-xogħol).*

**EAPN Portugal** - EAPN 2013c

Iżda l-istampa mhix differenti wisq f'xi pajjiżi oħra li mhux obbligati jikkonformaw ma' kundizzjonijiet ta' bail-out, imma suġġetti għal dak mitlub mill-Fiscal Compact u l'hekk msejħa l-miżuri Two- u Six-Pack, jew fejn il-priorita' politika tal-gvern kienet awsterita'. Fir-Renju Unit, per eżempju, fis-settur pubbliku kien implimentat l-iffriżar tal-pagi u kien hemm proposti għal aktar tnaqqis. Fil-Portugall, fl-2012, kien hemm ftehim biex is-sensji ikunu aktar faċli, biex jinqatgħu pagi għoljin u jinqata' l-ħlas tal-overtime (Campos Lima 2012).

Għalhekk, kif se naraw fis-sezzjoni li jmiss, l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti x'tilgħab. Permezz tan-negozjati għall-bail-out, permezz ta'miżuri addottati riċentament bħal dawk indikati hawn fuq, u fil-qafas tas-Simestru Ewropew, permezz tal-Annual Growth Survey u r-Rakomandazzjonijiet Speċifiċi ta' kull Pajjiż (ibbażat fuq il-Patt Euro Plus), il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar tat l-appoġġ tagħha b'mod espiċitu lit-tnaqqis tal-pagi u l-kwalita' tax-xogħol.

*L-NRP jinkludi impennbiex tiġi riversjata it-tnaqqis fil-paga minima nazzjonali li saret mill-Gvern preċedenti aktar kmieni din is-sena. Iżda, isemmi wkoll ir-reviżjoni ta'mekkaniżmi oħra li jpoġġu pagi minimi għal ċertu setturi li jħallsu baxx. Mhux ċar se jkun ir-riżultat ta' dan u hemm imbuttatura politika qawwija li timmina l-paga u l-kunidzzjonijiet ta' pagi baxxi u ħaddiema vulnerabbli.*

***EAPN Irlanda -** EAPN 2011d*

*Mekkaniżmu ta'monitoraġġ se jkun ikkreat ukoll biex janalizza l-evoluzzjoni tax-xogħol preakrju, flimkien mal-projbizzjoni ta' tqegħid f'xogħol bla ħlas ...fis-sezzjoni Poverty Reduction Target, id-dokument jagħmel riferenza lejn it-tnaqqis fl-inugwaljanzi, relatati mal-faqar fix-xogħol. M'hemm l-ebda spjegazzjoni kif din se ssir.*

***EAPN Portugall -** EAPN 2011d*

*Introduċu assessjar tal-impatt fuq il-faqar u l-inugwaljanzi f'kull miżurapolitika li tkun implimentata bħala parti mill-pjanijiet ta' bail-out u tal-pjanijiet ta' aġġustament finanzjarji u strutturali tal-EC/ECB u l-IMF. Ikkreaw miżuri ġodda ta' attivazzjoni għall-poploazzjoni li ma jaħdmux u li dejjem jiżdiedu, bl-emfasi fuq iż-żgħażagħ qegħda (50%), dawk li jaħdmu u fqar u dawk li ilhom bla xogħol, bl-emfasi wkoll fuq in-nisa.*

***EAPN Greċja -** EAPN 2012b*

Ħafna minn dawk li jħaddmu ħadu l-kriżi bħala opportunita' biex jirristrutturaw. B'riżultat il-provvista ta' mpjiegi disponibbli naqqsu drammatikament bi sfurzar fuq in-nies li jfittxu kull tip ta' xogħol li jistgħu biex jirnexxielhom jgħixu. Is-snin li għaddew raw żieda fix-xogħol prekarju u f'kuntartti ta' xogħol bi żmien qasir, xogħol permezz ta' aġenzija dejjem jiżdied kif ukoll żdied il-kunċett ta' esternalizazzjoni. Ftit minn dawn l-impjiegi jipprovdu pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti, kif ukoll benefiċċji u kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, allura għal ħafna nies, dan kien ifisser tnaqqis sinifikanti fid-dħul disponnibli kull xahar fid-dar. Barra dan, hekk kif dawn il-kuntratti għandhom data meta jiskadu, dan it-tip ta' xogħol ma jistax jassigura l-impjieg (u allura id-dħul) għal żmien twil.

Is-sitwazzjoni seħħet taħt l-awspiċi tal-approċċ ta' *flexicurity* (ara Flagship Initiative A European Agenda for New Skills and Jobs, underpinning the employment target of Europe 2020), iżda sfortuantament, għal darb'oħra, il-flessibilita' kienet emfasizzata, li twassal għal żieda fix-xogħol prekarju, a skapitu ta' pakketti ta' sigurta, hekk kif bosta pajjiżi raw tnaqqis drastiku fil-benefiċċji u l-infieq soċjali. Minkejja li wrew prova tal-valur bħala bħala mezz ta' stabilizazzjoni awtomatika fil-bidu tal-kriżi, il-benefiċċji soċjali raw tnaqqis fihom bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' ħruġ mill-kriżi.

*Aktar xogħol f'anqas żmien u għal salarju aktar baxx – ħudu jew itilfu.*

***EAPN Spanja -** EAPN 2010*

*M'għandiex tkun xogħol akkost ta' kollox, jew kull tip ta' xogħol. Il-Portugall kellha persentaġġ importanti ta' ħaddiema fqar fil-passat u ma nistgħux naċċettaw li dan jiżdied b'riżultat tal-kriżi, u naċċettaw ukoll kull tip ta' reviżjoni fil-liġijiet tax-xogħol li jkunu proposti biex jagħmlu s-suq tax-xogħol aktar flessibbli u li jpoġġu l-ħaddiem f'riskju tal-faqar. Salarji baxxi u instabbli ma jistgħux ikabbrul-ekonomija u lanqas jagħmluha kompetittiva.*

***EAPN Portugal** - EAPN 2012b*

Ħafna miżuri li għandhom l-għan li jġibu is-sitwazzjoni tax-xogħol lura għan-normal u għal-livelli ta' qabel il-kriżi ma tantx ingħataw widen fil-proposti għall-kwalita' fix-xogħol. L-istrateġiji eżistenti jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tnedija mill-ġdid tal-dkonomija, li jfisser li akkost ta' kollox tiżdied il-produttivita' u l-kompetittivita', biex is-settur privat jirkupra u jerġa jqum fuq saqajh. Dan ifisser anqas investiment fil-ħolqien tax-xogħol, kif ukoll fil-finanzjament tal-protezzjoni soċjali, hekk kif kumpaniji huma orjentati lejn tnaqqis fl-ispejjeż. Għalhekk mhux biss se jkun hemm anqas xogħol provdut iżda se jkunu wkoll ta' kwalita' anqas u b'pagi baxxi. Fl-istess ħin, qed titpoġġa aktar pressjoni fuq in-nies biex jaċċettaw kull tip ta' xogħol, hekk kif il-kundizzjonalita' għall-benefiċċji, kif ukoll is-sanzjonijiet, żdiedu b'mod esponenti. Fi sforz biex l-istatistika tal-qgħad tkompli tonqos, u biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-Istat billi jnaqqas is-sigurta' soċjali, bosta Gvernijiet komplew bi strateġiji aggressivi ta' attivazzjoni, fejn in-nies huma sforzati jaċċettaw pagi baxxi, impjieg prekarju, jew jirriskjaw li jkollhom il-benefiċċji mnaqqsa.

# *4.* L-IRWOL TAL-UNJONI EWROPEA

## *4.1. Referenzi pożittivi*

Ir-riksju li wieħed jesperjenza l-faqar waqt li qed jaħdemqed tkun monitorjata b'mod regolari mill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-**Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fuq il-Protgezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali** (OMC Soċali). Dan il-fokus dejjem jiżdied fl-OMC Soċjali għen biex tinżamm din il-kwistjoni fl-aġenda politika. Fl-2010, in-Network ta' Esperti Indipendenti fuq il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali ipproduċew sinteżi ta' rapport komprensiv fuq il-faqar fix-xogħol (ibbażat fuq rapporti tal-Istati Membri), identifikaw il-kawżi, analiżaw ix-xejriet u poltika u pproponew soluzzjonijiet (Frazer u Marlier 2010).

Fl-2008, l-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar **L-Inklużjoni Attiva tal-Persuni lil Hinn mis-Suq tax-Xogħol** b'mod espliċitu iħeġġeġ l-Istati Membri biex 'jippromwovu impjiegi ta' kwalita', inkluż pagi u benefiċċji, kundizzjonijiet tax-xogħol, saħħa u sigurta', aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u prospetti fil-

karriera, b'mod partikolari bil-ħsieb li jkun ippreventat il-faqar fix-xogħol' u biex 'jindirizzaw is-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol billi jippromwovu ż-żamma u l-avvanz tal-impjpieg'. Dan huwa parti minn wieħed mit-tlett pilastri tal-istrateġija, msejħa 'swieq tax-xogħol inklussivi', li għandha l-għan li tappoġġja lin-nies permezz ta' approċċi personalizzati biex jaċċessaw impjieg sostenibbli u ta' kwalita'. Iż-żewġ pilastri l-oħra jappoġġjaw skemi ta' dħul minimu adegwat għal ħajja b'dinjita', kif ukoll ukoll aċċess universali għal servizzi affordabbli u ta' kwalita' gholja.

Fil-qafas tal-**Istrateġija Ewropa 2020, il-mira għat-tnaqqis tal-faqar** (wieħed mill-ħames objettiv ġenerali tal-Istrateġija) ed jiġi mplimentat permezz ta' tlett indikaturi, wieħed minnhom huwa 'intensità ta' xogħol baxx fi-dar'. 13% tal-adulti b'intensità ta' xogħol għolja ħafna għexu fil-faqar fl-2009 fir-Rumanija, 8% fil-Greċja.Fl-UE, 6.5 miljun adult kienu għadhom f'riskju ta' faqar, minkejja l-intensita' qawwija ħafna ta' xogħol tal-membri f'dar. L-analiżi dettaljata tal-KE tar-rati tal-faqar skont it-tipi ta' djar, fid-dawl ta' intensità tax-xogħol tad-dar, juri wkoll l-importanza ta' politiki li jappoġġjaw familji, jew permezz t'appoġġ jew permezz ta' aċċess għal servizzi ta' kura, biex jevitaw il-faqar fost il-familji.

Il-**Linji Gwida Integrati**, li jirfdu l-Istrateġija Ewropa 2020, Linja gwida 7, bit-titlu *Żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol, tnaqqis tal-qgħad strutturali u l-promozzjoni tal-kwalità tax-xogħol,* jsemmi b'mod espliċitu li 'L-kwalita' tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jiġu ndirizzati. Stati Membri għandhom jiġġieldu il-faqar fix-xogħol u jippromowvu is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol' u għandhom jipprovdu wkoll 'sistemi ta' sigurta soċjali adegwati biex jassiguraw tranżizzjonijiet tas-suq.'

Il-kwistjoni tal-faqar fix-xogħol ingħatat ukoll prominenza f'żewġ Inizjattivi Ewlenin taħt l-Istrateġija Ewropa 2020. Il-**Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u Soċjali** (EPAP) tirrikonoxxi li 'Dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol jeħtieġu wkoll appoġġ soċjali msaħħaħ li jkompli ladarba jsibu impjieg, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn jerġgħu isibu ruħhom mexjin bejn il-qgħad u impjieg ta' kwalità baxxa jew prekarju.' Il-kommunikazzjoni tenfasizza l-importanza li tkun indirizzata il-lakuna fid-dħul skont is-sess, li jżid il-faqar fix-xogħol esperjenzat minn nisa, speċjalment ommijiet weħidhom u nisa kbar, u ssottolinja l-importanza tas-servizzi, speċjalment servizzi soċjali u ta' kura, bl-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja jittieġed f'kunsiderazzjoni.

L-**Aġenda Ewropea għal Ħiliet Ġodda u Impjiegi** tiddedika waħda mill-erba' sezzjonijiet tagħha dwar il-kwalita' tax-xogħol u l-link ta' dan mal-faqar. Dan jgħid li 'M'hemm l-ebda kompromess bejn il-kwalità u l-kwantità tal-impjiegi' u jinnota li l-faqar fix-xogħol huwa persistenti, minħabba liż-żieda fil-pagi hi bil-mod, ferm wara l-produttivita', u l-inċidenza dejjem tiżdied ta' kuntratt temporanji involontarji u part-tajm. Il-komunikazzjoni telenka, fost inizjattivi proposti tagħha, għal reviżjoni komprensiva u simplifikazzjoni tal-kunċett ta' xogħol ta' kwalità. Dan il-proċess, li qed isir mill-Kummissjoni Ewropea bil-koperazzjoni tal-Istati Membri (permezz tal-Kumitat dwar l-Impjiegi) u l-imsieħba soċjali, qed isir bħalissa.

Il-**Pakkett tax-Xogħol**, sett ta 'dokumenti maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fl-2012 bħala segwitu għall-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi, tiddedika attenzjoni sostanzjali għall-fenomenu tal-faqar fuq ix-xogħol. Il-kommunikazzjoni prinċiplai, *LejnIrkupra ta' Xogħol Rikk* jirrikonoxxi li "anki

qabel il-kriżi, li jkollhom impjieg mhux dejjem kien garanzija kontra l-faqar", u jinnota b'mod espliċitu li "iffissar ta' pagi minimi f'livelli xierqa jistgħu jgħinu jipprevjenu l-faqar fix-xogħol milli jkompli jikber u hija fattur importanti fl-iżgurar tal-kwalità tax-xogħol deċenti ". Id-dokument jitkellem ukoll favur 'it-tisħiħ tal-paga ittieħed id-dar' permezz ta' benefiċċji fix-xogħol u krediti ta' taxxa, iżda twissi dwar il-periklu ta' pagi baxxi marbuta ma' dan. Bl-istess mod, jenfasizza li t-transizzjonijiet jibqgħu appoġġjati inadegwatament, u xogħol prekarju qed jiżdied: "F'ħafna każijiet dawn l-impjiegi ma jservux bħala l-ewwel tarġa għal forom oħra ta' xogħol permanenti".

**Id-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-Persunal dwar tendenzi tas-suq tax-xogħol u l-Isfidi**, ukoll parti mill-Pakkett Impjiegi, jappoġġja is-sejbiet li 'filwaqt li f'uħud mill-Istati Membri, kuntratti temporanji iservu bħala l-ewwel tarġa għal impjieg aktar permanenti u/jew iġorru piena ta' paga relattivament baxxa, f'oħrajn, ħaddiema temporanji jsibu ilhom nfushom maqbuda f'kundizzjonijiet ta' xogħol fqar. […] il-faqar fix-xogħol huwa ħafna aktar prevalenti fost persuni b'kuntratti temporanji.' Bl-istess mod, **Id-dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-Persunal fuq Swieq tax-Xogħol Miftuħa, Dinamiċi u Inklussivi** jwissu fuq 'naqbdu ħaddiema għal ħafna snin fl-impjieg prekarju", u kif "segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol [...] jikkawża effetti ċikatriċi, jispeċifika qgħad ripetut bejn il-perjodi kuntrattwali u żvilupp ġeneralment żbilanċjat ta' xogħol u ħajja privata'.

Aktar riċenti ir-**Rapport dwar l-Impjiegi u l-Iżvilupp Soċjali fl-Ewropa**, maħruġ f'Diċembru tal-2012, jiddedika kapitlu sħiħ fuq iż-żieda sinifikanti tal-faqar fix-xogħol f'mhux anqas minn terz tal-Istati Membri: 'impjieg mhux garanzija kontra r-riskju tal-faqar u dawk li jaħdmu u jgħixu fil-faqar jirrappreżentaw terz tal-adulti fl-eta' li jaġdmu f'riskju ta' faqar'. Ir-rapport jibni fuq wieħed simili mill-2011, li kien analizza fid-dettal il-faqar fix-xogħol, il-kawżi u l-konsegwenzi. Is-sejbiet huma eku ta' dokumenti preċedenti: kultura toktor ta' pagi baxxi, li waqgħu lura l-produttività, flimkien ma prekarjetà akbar fis-suq tax-xogħol permezz ta' abbuż ta' kuntratti mhux tipiċi bi ftit protezzjoni, u nuqqas ta' interess fil-kwalità tax-xogħol huma l-fatturi ewlenin li tkebbes l-faqar fost dawk f'impjieg bi ħlas.

Ir-**Rapport Konġunt tal-Impjiegi tal-2012,** u l-anness tas-Survey tat-Tkabbir Annwali, wkoll ifakkar l-Istati Membri li 'għandha tingħata attenzjoni speċifika biex titjieb is-sitwazzjoni ta' dawk li jaħdmu u huma fqar fl-Ewropa, b'mod paritkolari permezz ta' politiki attivi ta' inklużjoni.' Tagħmel ukoll riferenzi għall-bżonn li jiżdied il-bilanċ bejn flessibilita' u sigurta' fis-suq tax-xogħol, biex tkun miġġielda is-segmentazzjoni u ttejjeb it-tranżizzjonijiet, kif ukoll biex tirriforma u ssaħħaħ leġislazzjoni u konformita' mal-pagi minimi. B'mod kruċjali, ir-Rapport jinnota li "Iż-żieda fl-impjiegi seħħ l-aktar fi ħdan il-kuntratti temporanji u xogħol part-time" u li ħames Stati Membri rċevew rakkomandazzjoni speċifiku skont il-pajjiż fuq il-funzjonament tas-suq tax-xogħol u dwar il-ġlieda tas-segmentazzjoni.

Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali introduċa strument ġdid, jismu **Social Protection Performance Monitor (SPPM),** biex 'jirrinforza u jappoġġja l-koordinazzjoni tal-politika soċjali u s-sorveljanza multilaterali' tas-sitwazzjoni soċjali fl-Ewropa. Dan l-istrument jagħmel użu sħiħ tal-portafoll tal-UE ta' indikaturi fuq protezzjoni soċjali u inklużjoni soċjali u sejkun użat kull sena fil-qafas ta' monitoraġġ tal-Ewropa 2020 biex ikunu identifikati 'xejriet li għandna naraw' li ġgandu jwassal għal prijoritajiet għar-Rakomandazzjonijiet Speċifiċi tal-Pajjiz għall-Istati Membri u għall-messaġġi prinċipali fis-Survey tat-Tkabbir Annwali. Ir-rata ta' dawk li qegħdin fix-xogħol u f'riskju ta' faqar huwa wieħed mit-tlett

indikaturi użati biex ikun ikkalkulat il-konsegwenzi soċjali tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, kif ukoll ir-rata ta' qgħad fit-tul.

Fi Frar 2013, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-**Pakkett ta' Investiment Soċjali**, fejn il-faqar fix-xogħol jingħata spazju biżżejjed f'wieħed mid-dokumenti akkumpanjanti, li jassessja s-segwitu u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' Inklużjoni Attiva fl-2008. Id-dokument jgħid f'termini mhux ekwivoċi: 'il-faqar fix-xogħol żied b'mod sinifikanti f'terz tal-pajjiżi tal-UE (MT, DK, CY, IE, FR, IT, ES, u RO) bejn l-2008 u l-2011. Fix-xogħol […] huwa marbut ma' suq tax-xogħol dgħajjef bħal salarju baxx, ħiliet baxxi, xogħol prekarju u nuqqas ta' xogħol'. Iżda, minkejja dan, it-test ftit jagħti attenzjoni lil impjiegi ta' kwalita' u sostenibbli, inkluż pagi, filwaqt li l-faqar fix-xogħol huwa ttrattat bħala kwistjoni personali jew karatteristiċi ta' dar. (EAPN 2013b).

## *4.2. Implimentazzjoni Negattiva*

Minkejja ir-retorika pożittiva deskritta hawn fuq, ir-realta' ta' kif il-politika fix-xogħol hi trattata minn dawk li jfasslu l-politika hi pjuttost differenti. Filwaqt li l-UE tikklejmja li m'għandiex strumenti ta' liġi iebsin biex tinforza l-objettivi tal-politika soċjali, tista' effettivament tirregola il-politika ekonomika, li għandu impatt fuq ir-rata tal-faqar, kemm jekk fix-xogħol jew le. Id-dixxiplina fiskali imposta fuq Stati Membri, ħafna drabi ġiet tradotta f'attakki ċari fuq il-kwalita' tax-xogħol, li żied il-faqar fix-xogħol.

Il-**Patt Ewro Plus**, magħruf ukoll bħala il-**Patt għall-Ewro**, addottat fl-2011, identifika il-kompetittivita' bħala l-objettiv ġenerali, u ssemmi l-iffissar tal-pagi bħala strument ewlieni biex dan jintlaħaq, billi jsir prijoritizzazzjoni ta' "miżuri li jiżguraw l-iżviluppi tal-ispejjeż f'konformità mal-produttività, bħal: jirrevedu l-arranġamenti tal-iffissar tal-pagi, u, fejn meħtieġ, il-grad ta' ċentralizzazzjoni fil-proċess tan-negozjar, u l-mekkaniżmi ta' indiċjar, filwaqt li tinżamm l-awtonomija tal-imsieħba soċjali fil-proċess ta' negozjar kollettiv; jiżguraw li l-insedjamenti tal-pagi fis-settur pubbliku jappoġġa l-isforzi tal-kompetittività fis-settur privat (meta wieħed iqis l-effett importanti ta' sinjalazzjoni tal-pagi tas-settur pubbliku)".

Dan id-dokument għandu rwol importanti ħafna fid-definizzjoni politika nazzjonali, billi l-Istati Membri jeħtieġu li jirrapportaw dwar kif qed jimplimentaw dawn il-miżuri fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà sottomessa kull sena, li huma vvalutati mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Dan kien segwit minn sett ta' miżuri magħrufa bħala **Il-Pakett Sitta**, adottata sena qabel, fl-2011, u magħmul minn ħames regolamenti u Direttiva. Il-pakkett ikopri sorveljanza kemm fiskali u makroekonomika, u tiddeskrivi l-għanijiet fuq terminu medju ta' defiċit u d-dejn pubbliku li l-pajjiżi jeħtieġ li jikkonverġu lejh, kif ukoll is-sanzjonijiet mehmuża għal non-konformità. Sett ieħor ta' miżuri, magħrufa bħala **Il-Pakkett-Tnejn**, titlob lill-Istati Membri jippreżentaw abbozzi ta' baġits lill-Kummissjoni Ewropea kull sena qabel il-15 t'Ottubru, għal reviżjoni u l-allinjament lejn għanijiet komuni.

Ħafna dispożizzjonijiet huma riflessi fil-**Patt Fiskali**, magħrufa wkoll bħala t-**Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja**, iffirmata mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ħlief ir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka) fl-2012, li hija meqjusa bħala verżjoni iktar stretta tal-prekursur tiegħu, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. It-Trattat jimponi regolamentazzjoni aktar strinġenti mill-Patt Sitta, u dan jirrikjedi wkoll lill-Istati Membri jistabbilixxu l-objettivi għal żmien medju fil-liġi nazzjonali vinkolanti, preferibbilment ta' natura kostituzzjonali.

Fin-nuqqas ta' qafas simili ta' salvagwardja li jorbot l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni fl-Unjoni Ewropea, dawn id-dokumenti saru l-aktar għodda importanti biex tiġġustifika attakki ripetuti minn benesseri fl-Istati Membri, fl-isem tal-konverġenza lejn l-għanijiet makroekonomiċi maqbula, inkluż ukoll id-deterjorament tal-kwalità tax-xogħol, inkluż il-pagi. L-Unjoni Ewropea issa tista' tintervjeni direttament fil-politiki nazzjonali u l-baġits, u d-direzzjoni li fiha teżerċita l-intervent tagħha huwa mmirat lejn il-kisba ta' dawn l-għanijiet makroekonomiċi akkost ta' kollox, ta' spiss bl-ebda kunsiderazzjoni tal-impatt soċjali tal-miżuri adottati.

Is-Semestru Ewropew ikopri l-ewwel parti ta' kull sena kalendarja, u dan huwa kunċett użat biex jiddefinixxi l-monitoraġġ tal-progress lejn objettivi makroekonomiċi, kif ukoll lejn il-miri tal-Ewropa 2020. Filwaqt li dan kien l-għan inizjali ddikjarat, sar ċar, matul l-aħħar 3 snin ta' implimentazzjoni, li tal-ewwel qed tieħu preċedenza enormi fuq tal-aħħar: dejn u t-tnaqqis tad-defiċit, fit-termini deskritti fid-dokumenti ta' hawn fuq, huma konsistentement prijorità fuq l-għanijiet soċjali tal-Ewropa 2020. Eżempju ċar ta' din it-tendenza hija li l-pajjiżi jirċievu għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni Ewropea huma eżentati mir-rappurtar ta' progress dwar il-miri tal-Ewropa 2020, hekk kif ir-rappurtar tagħhom fil-qafas tal-Memoranda ta' Ftehim fuq l-objettivi makroekonomiċi titqies suffiċjenti.

L-EAPN mmonitorjat b'mod estensiv u ddokumentat l-impatt negattiv kbir li dawn il-politiki qed ikollhom fuq il-faqar u l-esklużjoni soċjali. It-tnaqqis tad-defiċit baqa' l-għan ewlieni ta' l-orjentazzjoni makroekonomika tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, b'miżuri ta' awsterità fiskali li jiġġeneraw aktar faqar u esklużjoni soċjali. Xejra li qed tikber hija pressjoni 'l isfel fuq il-pagi fis-setturi pubbliċi u privati, inkluż permezz ta' tnaqqis jew tneħħija ta' indiċjar tal-pagi (2013c EAPN). Membri tal-EAPN jenfasizzaw li t-tnaqqis tal-pagi (primarjament għall-impjiegi l-aktar baxxi u medji) mhux biss se tnaqqas id-dħul disponibbli għal dawk l-aktar fil-bżonn, imma wkoll se żżid l-inugwaljanza fid-dħul u jimminaw il-koeżjoni soċjali.

L-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir huwa d-dokument imħejji mill-Kummissjoni Ewropea fil-bidu tas-Semestru Ewropew, immirat li jipprovdi gwida għall-Istati Membri għat-tfassil tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom. Kif mistenni, fl-2012, id-dokument jappoġġja l-allinjament tal-pagi mal-produttività, kif imwassal fid-dokumenti komprensivi t'hawn fuq. Istati Membri huma mħeġġa biex "jmexxu 'l quddiem ir-rakkomandazzjonijiet maqbula biex jiġi rivedut mekkaniżmi fl-iffissar tal-pagi, f'konformità mal-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali, biex jirriflettu aħjar l-iżviluppi fil-produttività".

**Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż**, maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea wara li tevalwa l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, jirriflettu l-prijoritajiet ewlenin għall-Istati Membri biex isegwu fil-politiki tagħhom. Għal darb'oħra, it-tendenza dominanti hija li tappoġġja l-objettivi makroekonomiċi fi

kwalunkwe spiża, li tirriżulta f'messaġġi kontradittorji. Min-naħa waħda, il-pajjiżi bħall-Italja u l-Polonja jirċievu Rakkomandazzjonijiet dwar l-indirizzar tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-faqar tal-ħaddiema. Fuq in-naħa l-oħra, pajjiżi bħall-Spanja, il-Belġju, il-Lussemburgu u l-Isvezja huma mħeġġa jimplimentaw l-aktar flessibilta' possibbli fis-suq tax-xogħol, biex jitnaqqas in-negozjar tal-pagi u l-indiċjar, u jintroduċu moderazzjonijiet fil-pagi jew tnaqqis (2013a EAPN).

Il-retorika pożittiv fuq l-faqar u t-titjib tal-kwalità tax-xogħol għall-kwalità ta' ħajja aħjar hija milqugħa, iżda huwa dejjem vvizzjat minħabba żviluppi ta' politika reali, li jappoġġjaw il-kisba tal-konsolidazzjoni fiskali u t-tnaqqis tad-dejn fl-assenza ta' tħassib soċjali. Jekk kwistjonijiet soċjali, inkluż il-faqar esperjenzat waqt ix-xogħol, għandhom jiġu ttrattati b'mod serju, l-UE teħtieġ Golden Rule, salvagwardja għall-investiment soċjali u protezzjoni soċjali, li tibbilanċja l-aġenda neoliberali ħarxa, permezz ta' kundizzjonijiet soċjali u valutazzjoni tal-impatt soċjali, minħabba l-istess importanza marbuta mal-kondizzjonalità ekonomika. Il-Komunikazzjoni adottata reċentement dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-EMU tista' tkun l-ewwel pass f'din id-direzzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni korretta tagħha tibqa' kruċjali.

# 5. MSIEĦBA OĦRA U L-APPROĊĊ TAGĦHOM LEJN IL-FAQAR FIX-XOGĦOL

Atturi prinċipali fil-moviment trejdjunjonistiku u d-dinja tar-riċerka ukoll janalizzaw il-fenomenu tal-faqar fix-xogħol. Din is-sezzjoni se tagħti ħarsa ħafifa tal-analiżi żviluppata minn uħud minn dawn is-setturi. Għall-attivisti kontra l-faqar, din l-analiżi tista' tkun  il-bażi għall-bini ta' koperazzjoni u alleanzi.

F'dawn l-aħħar ftit snin, il-**Konfederazzjoni tat-Trejdunjin Ewropea (ETUC)** qajmet b'mod aktar ċar il-kwistjoni tal-faqar fix-xogħol, fil-qafas tal-kritika tagħhom fuq il-mod kif il-kriżi ekonomika u finanzjarja qed tiġi ndirizzata mill-UE. Huma jiddenunzjaw serje ta' għażliet meħuda fil-qafas tal-politiki ta' awsterità, li jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-pagi u jnaqqsu l-protezzjoni soċjali. Bl-istess mod jiddenunzjaw l-qatgħat diretti fis-salarji tas-settur pubbliku u, f'xi każ, fil-paga minima, u iktar globalment l-"ostilità ġenerali biex jagħqdu l-pagi mal-inflazzjoni, il-pressjoni biex jorbtuhom, pjuttost għall-produttività, l-ostilità ta' negozjar ċentralizzat". Huma jinsistu fuq ir-rispett lejn il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali, ibbażata fuq il-prinċipju tal-pajjiż ospitanti (ETUC, 2011)

L-ETUC jirrifjuta l-approċċ li l-pagi għandhom jintużaw bħala strument ta' aġġustament kompetittivi, li jitnaqqsu minħabbu deċiżjonijiet politiċi jew minħabba deregolazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-UE. Huma jinsistu li l-kwalità u l-innovazzjoni għandhom ikunu parti mill-istrateġija ta' rkupru, iżda "dawn mhumiex sostnuti minn pagi flessibbli" (ETUC, 2012a). Huma jinsistu wkoll fuq l-importanza ta' paga minima li għandha tiġi stabbiliti "biex tillimita l-kompetizzjoni fis-suq li jwasslu l-ħaddiema li jeliminaw lil xulxin". Huma jqisu li l-għażliet tal-Kummissjoni fil-ħin ta' kriżi x'aktarx li jiġġeneraw aktar fil-faqar (ETUC, 2012b).

**L-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO**) kienet qed tippromwovi l-Aġenda għal Xogħol Deċenti. Dan l-aħħar huma enfasizzaw li sar progress fit-tnaqqis tal-faqar estrem fost il-ħaddiema fil-livell dinji, iżda kien hemm tnaqqis notevoli fir-rata ta' progress fit-tnaqqis tal-faqar fost il-ħaddiema fid-dinja sa mill-2008. Fost id-900 miljun ħaddiema foqra, kien hemm madwar 456,000,000 ħaddiema madwar id-dinja jgħixu f'faqar estrem taħt il-linja tal-faqar ta' US$1.25 kuljum fl-2011. 55 miljun aktar ħaddiema kienu jgħixu mal-familji tagħhom taħt il-linja tal-faqar ta' US$2 kuljum milli mistenni (ILO 2012).

Fl-2011, l-ILO introduċiet l-ewwel database internazzjonali ta' estimi nazzjonali tal-faqar tan-numru ta' persuni foqra u s-sehem tagħhom fl-impjieg totali, bl-istimi kollha tal-ħaddiema fqar fid-dinja imqassma f'rubriki skond l-età (total, iż-żgħażagħ u adulti) u s-sess. Bħala l-ewwel database internazzjonali ta' estimi nazzjonali tal-faqar fost il-ħaddiema, is-serje tad-data hija maħsuba biex ittejjeb il-fehim tal-konnessjonijiet bejn il-faqar, l-impjiegi u xogħol deċenti madwar id-dinja.

L-ILO tqis li l-politiki tas-suq tax-xogħol (inkluż l-estensjoni tal-benefiċċji tal-qgħad, ir-rivalutazzjoni tal-pagi minimi u sussidji għall-pagi, it-titjib tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-programmi ta' xogħlijiet pubbliċi u inċentivi intraprenditorijali) jista' jkollhom impatt kemm fuq l-impjiegi u d-dħul (ILO, 2011). F'konformità mal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, l-ETUC kienet qed tippromwovi kwalità / xogħol diċenti fuq żmien twil. Huma jiddefinixxu dan il-5 pilastru bażiku li għandu jiżgura xogħol deċenti: jispiċċa x-xogħol prekarju, organizzazzjoni tax-xogħol aħjar, leġiżlazzjoni qawwija għall-protezzjoni tal-impjiegi, is-sistema tal-ħarsien soċjali, djalogu soċjali u negozjar kollettiv.

Wieħed mill-erba' indikaturi taħt **Il-Miri ta' Żvilupp tal-Millennju** 1B ("jinkiseb impjieg sħiħ u produttiv u xogħol deċenti għal kulħadd, inklużi n-nisa u ż-żgħażagħ") huwa l-proporzjon tal-ħaddiema foqra fl-impjiegi totali.

L-OECD tispjega li nuqqas ta' impjieg, aktar milli l-pagi baxxi, huwa fattur ewlieni tal-faqar fix-xogħol, kif ukoll id-disinn tas-sistemi nazzjonali ta' benefiċċji. Huma jenfasizzaw li l-familji kbar bi dħul baxx huma iktar f'riskju ta' faqar u jistgħu jiġi protetti aktar wara riformulazzjoni meħtieġa ta' taxxi u sistemi ta' benefiċċji. Huma jqisu l-pagi minimi utli għall-ġlieda kontra l-faqar, jekk ikun stabbilit "livell raġonevoli" biex ma "tħassarx l-prospett tal-impjiegi għal dawk l-aktar vulnerabbli" u kkumplimentat minn sussidji għall-ħaddiema immirati għall-familji bi dħul baxx (OECD 2009).

L-Istitut tat-Trejdjunjin Ewropew (ETUI) inkludiet il-faqar fix-xogħol fl-Indiċi tal-Kwalità tal-Impjiegi (ETUI) tagħhom. Huma jenfasizzaw kif ir-riċessjoni mhux biss tiġġenera l-qgħad imma tbiddel is-sitwazzjoni ta' dawk li għandhom impjieg wkoll, b'numru dejjem jikber ta' nies li jaħdmu part-time mingħajr ma jirrappurtaw li jippreferu impjieg full-time (ETUI, 2013).

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien wkoll jagħmel analiżi dettaljata tal-faqar tal-ħaddiema, notevolment permezz tal-**Osservatorju Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol** (Eurofound 2010, Eurofund 2012).

# 6. GOVERNANZA, PARTEĊIPAZZJONI U DEMOKRAZIJA

**Soluzzjonijiet għall-problema ma tistax tinstab mingħajr ma jinvolvu dawk affettwati minnha.** Madankollu, l-istrateġiji mfassla biex jonqos il-faqar fost dawk li jaħdmu mhux dejjem kienu abbozzati u implimentati bil-parteċipazzjoni ta' dawk ikkonċernati. Il-vuċi tal-foqra ħafna drabi jintilef jew huwa fantażija.

**It-Trejdjunjoniżmu** kien taħt attakk minn regolamenti tal-gvern, u qed jonqos, filwaqt li numru kbir ta’ ħaddiema, bħal dawk involuti fix-xogħol part-time, xogħol bl-aġenzija jew ta' outsourcing, kuntratti temporanji, jew l-ekonomija griża, ħafna aktar minn qabel mhux qed jissieħbu f'xi trade union. Dan jitlob għal appoġġ akbar għall-ħaddiema kollha għall-aċċess trejdjunjins.

**Alleanzi bejn it-trejdjunjins u l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** li jappoġġjaw nies li jsofru faqar fix-xogħol huma meħtieġa. Mill-bidu tal-kriżi, l-organizzazzjonijiet kellhom jirrispondu għal domanda akbar għal appoġġ mill-persuni affettwati mill-kriżi ekonomika. Bil-ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li diġà kienu jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji qabel il-kriżi, is-sitwazzjoni marret għall-agħar bit-tnaqqis fl-infiq soċjali u l-appoġġ finanzjarju li beda jingħata għall-NGOs. Dan qed iwassalhom biex ma jkunux kapaċi jilqgħu id-domanda ta’ għajnuna. Dawn il-qatgħat fil-baġit jkunu riflessi f'numru mnaqqas u d-disponibbiltà anqas ta' servizzi soċjali, u b'hekk jiżdied il-piż fuq l-NGOs. Fondi Strutturali ma kienux immirati b'mod adegwat biex jindirizzaw din il-kwistjoni.

Minkejja dan it-tnaqqis fil-fondi, **NGOs soċjali għad għandhom il-potenzjal li jipprovdu vuċi għall-dawk affettwati**, filwaqt li jagħmlu ċert li l-problemi tagħhom jitqiesu b'mod xieraq fil-livell tat-tfassil tal-politika. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali huma kwistjonijiet kumplessi, li ma jistgħux jinqasmu u jiġu ttrattati skond diviżjonijiet amministrattivi tal-Gvern. Fil-kuntest ta’ faqar attiv, l-NGOs għandhom il-valur miżjud li huma kapaċi jipprovdu soluzzjoni u appoġġ alternattivi olistiku, li jirriżultaw mill-esperjenza diretta ta' nies li jgħixu fil-faqar, u mill-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet imwettqa fuq il-post, ma’ min l-aktar li għandu bżonn. Dawn jistgħu jkunu NGOs li jipprovdu appoġġ lill-persuni li qed jittrattaw ma’ livelli għolja ta' dejn, li jiffaċċjaw problemi fl-akkomodazzjoni, jew li qed ifittxu sistemi kumplessi ta' beneifi``ji g]al min jaħdem jew qegħdin fi tranżizzjoni.

L-NGOs għandhom rwol vitali fl-iżgurar li t-tħassib u l-kwistjonijiet li jolqtu lil dawn in-nies jinstemgħu minn dawk li jfasslu l-politika, u fl-assigurazzjoni li l-individwi f'sitwazzjonijiet ta' faqar minkejja li jaħdmu jkollhom l-opportunità li jidħlu direttament ma' dawk fit-tfassil tal-politika. Dan l-irwol għandu jiġi żviluppat mill-qrib ħafna mat-trejdjunjins.

**Fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020**, l-involviment tal-partijiet interessati jeħtieġ li tkun fil-qalba tas-soluzzjonijiet politiċi, billi jkun stabbilit Pjattaformi ta' Faqar Nazzjonali, bl-involviment ta’ dawk kollha konċernati fi djalogu strutturat, inklużi networks tal-EAPN fil-livell nazzjonali u tal-UE, kif ukoll imsieħba soċjali, u inkluż it-trejdjunjins. Dawn il-pjattaformi għandu jkollhom rwol ewlieni fl-abbozzar, l-implimentazzjoni, u l-evalwazzjoni tal-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u r-Rapporti Soċjali Nazzjonali, kif ukoll ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, li jibnu fuq il-ħidma mwettqa qabel fil-qafas tal-OMC soċjali. B’dan il-mod tista’ tinħoloq għaqda tematika dwar il-faqar tal-ħaddiema, li jgħaqqdu NGOs soċjali, trejdunjins u min iħaddem u partijiet interessati ewlenin oħra filwaqt li l-prestazzjoni tkun mmonitorjata mill-qrib skont l-indikaturi soċjali miftehma.

Sabiex ikunu jistgħu iwettqu l-ħidma tagħhom kif suppost, l-NGOs soċjali u dawk kontra l-faqar jeħtieġ li jkunu appoġġjati b'mod adegwat u b'riżorsi, sabiex ikunu jistgħu jkomplu jaqdu l-irwol tagħhom bħala faċilitaturi ta' ingaġġ dirett ta' nies li qed jesperjenzaw il-faqar u l-fornituri ta' soluzzjonijiet sostenibbli, li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali, u b'hekk jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' djalogu inklussiv.

**Networks tal-EAPN se jkomplu jipprovaw jimpenjaw ruħhom ma' proċessi politiċi**, biex iġibu l-vuċi ta' dawk li baqgħu lura, ma' dawk li qegħdin fuq quddiemnett fit-teħid tad-deċiżjonijiet. In-networks nazzjonali tagħna kienu persistenti, jippruvaw jidħlu fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u r-Rapporti Soċjali Nazzjonali, li jibnu fuq il-prattiki tajbin tal-involviment tal-partijiet interessati stabbiliti mill-OMC Soċjali (ara EAPN 2011d u 2012d EAPN). Fl-2012, il-membri tal-EAPN ippreżentaw alternattivi għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tagħhom lill-istituzzjonijiet Ewropej, u dawn ġew aċċettati minn dawk li jfasslu d-deċiżjonijiet (EAPN 2012b, 2013a). Il-kwalità tax-xogħol u l-impjieg, kif ukoll il-ġlieda kontra l-faqar attiv, ġiet fuq quddiemnett tat-tħassib tagħna. Aħna se nkomplu nirsistu biex jiġu kkonsultati u se nelaboraw il-proposti alternattivi tagħna stess fl-2013.

**Għal aktar informazzjoni dwar organizzazzjonijiet kontra l-faqar,** u kif il-kriżi wasslet għall-finanzjament mnaqqas u kif dan il-fatt qed irendi il-missjoni tagħhom impossibbli, ara EAPN Anti-Poverty Mag iddedikat għal din il-kwistjoni u intitolati *Il-Kriżi tad-Demokrazija: Organizzazzjonijiet Kontra l-Faqar Jirrispondu!* (2012c EAPN).

Barra minn hekk, l-EAPN tradizzjonalment ħadmet bi sħubija mill-qrib mat-trejdjunjins, kemm fil-livell nazzjonali u, permezz ta' azzjonijiet komuni, mobilizzazzjoni, u alleanzi, biex jiżguraw li l-impjieg ta' kwalità jkun fil-qalba tal-istrateġiji kontra l-faqar, u li x-xogħol effettivament joħroġ lin-nies mit-tbatija u mill-esklużjoni. Eżempju kbir ta' tali koperazzjoni, f'inizjattivi riċenti, tirrigwarda politika ekonomika usa u alternattivi u aktar ġusta, b'mudelli ta' żvilupp aktar ekwu fl-Ewropa, ara l-Konferenza Konġunta Soċjali (www.jointsocialconference.eu) u s-Summit Alter (www.altersummit.eu).

# 6. RAKOMANDAZZJONIJIET TAL-EAPN

L-EAPN temmen li m'hemmx soluzzjoni sempliċi waħda għall-faqar tal-ħaddiema. Madankollu, fil-qalba tas-soluzzjonijiet għall-problema hija l-ħtieġa li jiġi żgurat li x-xogħol deċenti huwa disponibbli għal dawk kollha li jeħtiġuh. Din il-mossa lejn kwalità ogħla, ix-xogħol deċenti imħallas, jeħtieġ azzjoni fuq numru ta' livelli u minn firxa ta' partijiet interessati.

## *L-Unjoni Ewropea*

Il-ġlieda kontra l-faqar fix-xogħol għandha tiġi identifikata bħala **ċara, trasversali, oġġettiva għall-Istrateġija Ewropa 2020**. Dan jista' jinkiseb permezz ta' dan li ġej:

- Ikun żgurat li l-Qafas ta' Valutazzjoni Konġunta (JAF), Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tax-Xogħol (EPM) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) indikaturi dwar xogħol ta' kwalità u tal-faqar fix-xogħol jittieħdu abbord b'mod trasparenti, u pprijoritizzat fl-evalwazzjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma;

- Jiġu ndirizzati Ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) għall-pajjiżi fejn il-faqar fix-xogħol qed jiżviluppa, partikolarment dawk enfasizzati mill-SPPM bħala Xejra li għandna Inħarsu, u fejn il-kwalità tax-xogħol qiegħda tonqos;

- Jiżguraw li t-tnaqqis tal-faqar fuq ix-xogħol isir messaġġ prinċipali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, u li r-rakkomandazzjonijiet kontradittorji ma jingħatawx fic-CSRs makro-ekonomiċi, bħal miżuri li jżidu l-faqar tal-ħaddiema (eż. tnaqqis fil-livelli tal-pagi livelli f'impjiegi b'pagi baxxi).

- Ikun ikkunsidrat li tiġi introdotta mira dwar il-faqar fix-xogħol bħala sotto-mira dwar l-impjiegi fl-Ewropa 2020.

- Appoġġ lil dimensjoni qawwija għat-tnaqqis tal-faqar fil-politiki tal-impjiegi u l-isforzi biex tinkiseb il-mira tal-impjieg, u liż-żewġ għanijiet li jsaħħu reċiprokament jirrendu u jkunu riflessa fil-pajjiż Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi tal-pajjiżi koerenti.

- Prijoritizzar u jissorveljaw id-dimensjoni tal-kwalità fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, fil-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta’ Implimentazzjoni.

- Skambju transnazzjonali ta' esperjenza, tagħlim reċiproku u Peer Review għandhom ikunu segwiti u mxandra bħala prattiki tajba, wara r-Rapport tan-Network ta' Esperti Indipendenti dwar l-Inklużjoni Soċjali mill-2010 inkluż ma’ membri tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Impiegi.

Progress dwar il-faqar fix-xogħol għandu jkun mmonitorjat regolarment, abbażi tad-dejta tal-Eurostat, imma wkoll bl-għarfien u l-esperjenzi ta’ persuni li qed jesperjenzaw il-faqar u l-NGOs li jaġdmu kontra l-faqar, billi jinvolvu l-partijiet interessati fil-proċess tal-NRP / NSR fil-livell nazzjonali.

**Passi addizzjonali** jistgħu jittieħdu mill-istituzzjonijiet Ewropej:

1. Jagħmlu użu sħiħ tat-Tabella proposta fil-Komunikazzjoni adottata riċentement dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-EMU, li tibni fuq il-JAF, EMP u indikaturi SPPM identifikati hawn fuq, u li jinkludi faqar tal-ħaddiema bħala indikatur - jagħmlu ċert li din hija prijorità fil-ibbilanċjar mill-ġdid tal-objettivi soċjali u ekonomiċi.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi Green Paper, akkumpanjata minn konsultazzjoni pubblika adegwata u sinifikanti, li twitti t-triq għal Rakkomandazzjoni dettaljata ta’ pjan direzzjonali, b'miżuri konkreti dwar kif għandu jiġi ttrattat l-faqar fl-Istati Membri.

3. Tingħata aktar viżibbiltà u jsiru proposti konkreti ta' implimentazzjoni għall-istrateġija għal Inklużjoni Attiva tal-Unjoni Ewropea, lit-tliet pilastri tagħha (appoġġ ta' dħul adegwat, aċċess universali għal servizzi ta’ kwalità, u s-swieq tax-xogħol inklużivi) għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-ġlieda kontra l-faqar tal-ħaddiema, u l-faqar b'mod ġenerali.

4. Fil-reivedut attwali, mill-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat tal-Impjiegi, tal-kunċett impjiegi ta' kwalità, jiżguraw li d-drittijiet għal salarji għal għajxien diċenti, sigurtà tax-xogħol u tal-impjieg huma definiti u mqiegħda fil-qalba tal-prinċipji u proposti għal azzjoni.

5. Jiżguraw li dħul adegwat huwa aċċessibbli għal kulħadd fuq livell li tipproteġi n-nies kontra l-faqar, kemm fix-xogħol u barra minnu, pereżempju permezz ta' progress tal-proposti għal Direttiva Ewropea dwar id-Dħul Minimu, u tinvestiga l-ambitu għal Qafas tal-UE dwar pagi minimi diċenti, wara ġerarkija pożittiva

6. Twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt soċjali fuq il-deregolazzjoni u politiki oħra tas-suq tax-xogħol proposti mill-Patt Euro Plus, li jivvalutaw l-impatt fuq il-faqar waqt li jkollhom xogħol, u jiżguraw approċċi pożittivi u integrati għall-pajjiżi li jirċievu assistenza finanzjarja esterna, meta jkun negozjat Memoranda ta' Ftehim. Tivvaluta fit-tul l-impatt soċjali, l-impjiegi, is-saħħa u l-impatt ekonomiku tal-faqar tal-ħaddiema fuq il-ħaddiema u l-familji tagħhom

7. Il-Kummissjoni Ewropea tista' espliċitament treġġa lura l-trejdjunjinizazzjoni ta' setturi b'paga baxxa, u ssaħħaħ l-irwol ta' negozjar kollettiv u l-imsieħba soċjali fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' politika kontra l-faqar fix-xogħol.

8. Fondi Strutturali jista' jkollhom rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar waqt li jkollhom xogħol, billi jappoġġaw tranżizzjonijiet iktar effiċjenti lejn il-kwalità, impjieg sostenibbli (bi skemi ta' appoġġ komplementari għal dawk qiegħda għal żmien twil li jirritornaw fis-suq tax-xogħol), kif ukoll politiki mfassla biex jistabbilixxu riferenzi nazzjonali standard għal xogħol ta' kwalità, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

## ***Stati Membri – livelli Nazzjonali u sotto-nazzjonali***

1. Żid il-livell tal-ħlas:

• Introduċi pagi minimi statutorji fil-pajjiżi fejn dawn ma jeżistux;

• Introduċi livelli obbligatorji ta' pagi tal-għajxien għal pagi minimi statutorji, fil-pajjiżi fejn jeżistu, ibbażati fuq standards ta' baġit fuq serje ta' prodotti u servizzi;

• livelli tal-pagi rivalorizzati għal setturi tradizzjonalment b'paga baxxa (spiss dominati minn nisa u gruppi esklużi oħra);

• Tipprovdi appoġġ għal sħubija akbar fit-trejd unjinn u l-kopertura, u jissaħħaħ l-irwol ta' negozjar kollettiv u tal-imsieħba soċjali fit-tfassil tal-politika;

• Il-promozzjoni ta' skemi xierqa ta' dħul minimu, għall-inqas fil-linja tal-faqar, sabiex tiġi stabbilita ġerarkija pożittiv bejn il-benefiċċji u l-pagi;

2. Ikunu provduti benefiċċji għal dawk li jaħdmu u krediti tat-taxxa biex jissupplimentaw u jipproteġu dħul baxx, filwaqt li jsir sforz biex ma tkunx inkoraġġita kultura b'paga baxxa, imma jkun hemm promozzjoni ta' xogħol deċenti.

3. Inidirzzar tal-adegwatezza tal-benefiċċji u l-politiki, inkluż l-kontinwità fl-aċċess għal servizzi ewlenin biex jittrattaw b'mod effettiv it-transizzjonijiet, li jagħmel xogħol iħallas b'mod pożittiv. Bilanċ fil-flessibbiltà mas-sigurtà, biex jiġi żgurat lin-nies ma jkunux penalizzati meta jimxu minn impjieg għall-ieħor.

4. Jkun indirizzat is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol billi ttejjeb it-tul tal-kuntratt, l-aċċess għad-drittijiet u protezzjoni tal-impjiegi , il-ġlieda kontra l-prekarjetà u t-titjib tal-kwalità tax-xogħol .

5. Salvagwardja u garanzija għal aċċess għad-drittijiet tal-impjieg (bħall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta).

6. F'konformità mal-istrateġija Inklużjoni Attiva , appoġġ għad-dħul għandu wkoll jiġi kkumplimentat minn aċċess universali għal kwalità u servizzi aċċessibbli, kura tat-tfal , kura tas-saħħa universali bla ħlas , edukazzjoni, akkomodazzjoni soċjali u servizzi soċjali oħra, kif ukoll servizzi ta' sostenn bħall-akkomodazzjoni , it-trasport , pariri eċċ Dawn jeħtieġ li jiġu protetti minn miżuri ta' awsterità .

7. Il-faqar fix-xogħol għandu jitqies bħala prijorità fil-Programmi ta’ Riforma Nazzjonali u r-Rapport Soċjali Nazzjonali. Dan għandu jfisser mainstreaming ta' kwistjonijiet permezz ta' inizjattivi ta’ xogħol , filwaqt li jkun hemm appoġġ ukoll għal ġbir ta' data u l-involviment tal-partijiet interessati .

8. Tappoġġja l-parteċipazzjoni ta' persuni li qed jesperjenzaw il-faqar, dawk qiegħda u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tagħhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' inizjattivi immirati li jikkumbattu l-faqar u l-faqar b'mod ġenerali, kif ukoll fit-titjib tad-djalogu tal-partijiet interessati fil-proċess tal-NRP u l-NSR.

## *Min Iħaddem u l-Organizazzjonijiet tagħhom*

1. Sir persuna li tħaddem bil-paga tal-għixien! Kun żgur li tipprovdu pagi diċenti, li jippermettu ħaddiema biex jgħixu ħajja dinjituża u li tipprovdi salarju adegwat għalihom u għall-familji tagħhom. Impjegati tas-settur pubbliku jistgħu jsiru mudelli ta' prattika tajba għas-settur privat.

2. Ipprovdi kuntratti stabbli b’dispożizzjonijiet ta’ termini komprensivi, u li jiżguraw lid-drittijiet ta’ impjieg u protezzjoni soċjali huma garantiti.

3. Indirizza d-diskriminazzjoni fil-proċessi ta’ reklutaġġ, kif ukoll fil-post tax-xogħol, u sir il-persuna li tħaddem u toffri opportunitajiet indaqs.

4. Appoġġa u ppromwovi t-tagħlim tul il-ħajja, bħala investiment fil-persunal tiegħek u ssalvagwardja l-faqar u l-qgħad futur għall-ħaddiema tiegħek.

5. Kun żgur li toffri servizzi adegwati ta' pariri, informazzjoni u HR, sabiex aktar nies ikunu konxji tal-impjieg tagħhom, d-drittijiet tal-bniedem.

## *Trejd Unjins u NGOs*

1. Sħubija fi trejdjunjin tibqa' l-aktar mod effettiv ta' protezzjoni tal-ħaddiema kontra l-faqar, partikolarment fejn l-istandards minimi nazzjonali deċenti fil-kwalità tax-xogħol, inklużi l-paga u l-istabbiltà, mhumiex garantiti.

2. Alleanzi u kampanji konġunta: huwa vitali li t-trejdjunjins u NGOs jiffurmaw relazzjonijiet ta' ħidma aktar mill-qrib u jibnu alleanzi ġodda, sabiex iġibu flimkien l-esperjenza, l-għarfien u netwerks lit-trejd unjins u NGOs jkollhom.

3. Għolli l-vuċi ta l-ħaddiema li jitħallsu b'pagi baxxi, biex jiġi żgurat li l-esperjenza tagħhom tinstema' direttament minn dawk li jfasslu l-politika u mill-movimenti ta' kontra l-faqar, u jipprovdu opportunitajiet għalihom biex jieħdu sehem attiv fil-lobbying u fil-kampanji kontra l-faqar fix-xogħol.

4. Tkun żviluppata kooperazzjoni u sħubija kontinwa madwar l-azzjoni kollettiva ta' persuni fil-qgħad u fil-faqar u l-esklużjoni soċjali, u jinħoloq interfaces volontarji (bejn it-trejdjunjins u NGOs kontra l-faqar, speċjalment tematika / konsultattiv) miftuħa għall-attivisti involuti f'movimenti soċjali.

5. NGOs, intrapriżi soċjali, u organizzazzjonijiet oħra tat-tielet settur huma wkoll impjegaturi - huwa kruċjali li dawn jagħtu eżempju pożittiv, billi jsiru nies li jħaddmu b'paga ta' għixien u b'rispett lejn il-kwalità tal-standards tax-xogħol fl-impjieg propost.

# REFERENZI

## PUBLIKAZZJONIJIET TAN-NETOWRK EWROPEW KONTRA L-FAQAR


**EAPN (2014a),** *Spjegatur on Quality Work and Employment*, upcoming, 2014, soon available on the EAPN website (www.eapn.eu).

**EAPN (2013d),** *Lifeboat or Life Sentence? Report on the Troika and emergency assistance programmes and their impact on poverty and social exclusion*, November 2013, soon available on the EAPN website (www.eapn.eu)

**EAPN (2013c),** *Widening the Gap. Assessment of the National Reform Programmes 2013,* **September 2013,** http://www.eapn.eu/images/stories/docs/NRPs/2013-EAPN-NRP-Report.pdf

**EAPN (2013b),** *Response to the Social Investment Package – Will It Reduce Poverty?*, June 2013, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2013-EAPN-Response-to-the-SIP-en.pdf

**EAPN (2013a),** *Assessment of the 2013 Country Specific Recommendations (CSRs) and proposals for Alternative CSRs (National and EO members,* March 2013, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2013-EAPN-CSR-Assessment-and-alternative-CSRs-EN.pdf

**EAPN (2012e),** *10 Principles on Quality Work*, September, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2012-10-principles-on-quality-work.pdf

**EAPN (2012d)**, *An EU worth defending: beyond austerity to social investment and inclusive growth*, EAPN Analysis of the 2012 National Reform Programmes (NRPs) and National Social Reports (NSRs), July, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2012-eapn-nrp-report-en.pdf

**EAPN (2012c)**, *The Crisis of Democracy: Anti-Poverty Organisations Respond!*, Anti-Poverty Mag, 30 May, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/MAG/mag-136-en.pdf

**EAPN (2012b)**, *Proposals of Country-Specific Recommendations. Making Progress on Poverty Reduction and Meaningful Stakeholder Engagement!*, May, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/NRPs/2012-2013/EAPN-country-specific-Recommendations-en.pdf

**EAPN (2012a)**, *Re-engaging Hope and Expectation, Getting out the Crisis Together – Alternative Approaches for an Inclusive Recovery*, February, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/2012-crisis-report-katherine-duffy.pdf

**EAPN (2011e)**, *Quality of Work for Quality of Life*, Anti-Poverty Mag, December, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/MAG/mag-135-web-en.pdf

**EAPN (2011d)**, *Deliver Inclusive Growth – Put the Heart Back in Europe!*, EAPN Analysis of the 2011 National Reform Programmes, Europe 2020, November, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/NRPs/nrp-report-final-en.pdf

**EAPN (2011c)**, *Active Inclusion: Making It Happen!*, EAPN booklet, September, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/eapn-books/2011-active-inclusion-booklet-en-web.pdf

**EAPN (2011b)**, *Spjegatur on Wealth, Inequality and Social Polarisation in the EU*, May 2011, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/eapn-books/2011-wealth-spjegatur-en-web.pdf

**EAPN (2011a)**, *Is the European project moving backwards? The Social Impact of the Crisis and of Recovery Policies in 2010*, 23 February, http://www.eapn.org/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/crisis-report-2011-en.pdf.

**EAPN (2010)**, *Social Cohesion at stake. The Social Impact of the Crisis and of the Recovery Package*, 3 December, http://www.eapn.org/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/Crisis-Report-2009-final.pdf.

**EAPN (2009b)**, *An EU we can trust". Proposals on a new EU post-2010 strategy*, 15 June, http://www.eapn.eu/oldwebsite/images/docs/an%20eu%20we%20can%20trust%20june%2009%20en.pdf.

**EAPN (2009a)**, *Will the Economic Crisis force a stronger social pillar in Lisbon?* Social Inclusion Scoreboard on the National Reform Programmes (2008-10), 10 February,

http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/lisbon-report-final-2009-en.pdf.

**EAPN (2008)**, *Building Security, Giving Hope*. *EAPN Assessment of the National Strategic Reports on Social Protection and Social Inclusion* (2008-10), 30 November, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/EAPN-position-papers-and-reports/napreport2008-en.pdf.

**EAPN (2006)**, *Voices from the Poverty Line: Jobs and Unemployment in the EU*, EAPN book, http://www.eapn.eu/images/docs/voices%20from%20the%20poverty%20line_en.pdf

## SORSI OĦRA

**Airio, Ilpo (2008)**, "Change of Norm? In-Work Poverty in a Comparative Perspective", in *Studies in social security and health*, Number 92, http://www.kela.fi/in/internet/liite.nsf/NET/060308131936EK/$File/tutkimuksia92_netti.pdf

Campos Lima, Maria da Paz (2012)**, "Unions split over tough labour agreement", for the *European Industrial Relations Observatory Online*, 27 February, http://www.eurofound.europa.eu/eiro/2012/01/articles/pt1201049i.htm**

**Crettaz, Eric and Bonoli, Giuliano (2010)**, *Why are Some Workers Poor? The Mechanisms that produce Working Poverty in a Comparative Perspective*, Working Papers on the Reconciliation of Work and Welfare in Europe, REC-WP 12/2010, http://lac-repo-live7.is.ed.ac.uk/handle/1842/3985

**European Meeting of People Experiencing Poverty (EMPEP 2011)**, Homelessness and Housing Rights in the Context of the Crisis, Conference Report, May, ***http://www.eapn.eu/images/stories/docs/Events-docs-programmes/2011-10thPEPmeeting/10thpepmeeting-report-en.pdf***

**European Meeting of People Experiencing Poverty (EMPEP 2010)**, *Employment, Work, Jobs - The reality for people experiencing poverty*, Conference Report, May, http://www.eapn.eu/images/stories/docs/Events-docs-programmes/2011-10thPEPmeeting/10thpepmeeting-report-en.pdf

**European Trade Union Confederation (ETUC 2012b)**, *ETUC's response to the European Commission's Communication "Towards a job-rich recovery"*, 5-6 June, http://www.etuc.org/a/10047

**European Trade Union Confederation (ETUC 2012a)**, *Investing for growth and jobs* – ETUC reaction to the Annual Growth Survey, March, http://www.etuc.org/a/9809

**European Trade Union Confederation (ETUC 2011)**, *Athens Manifesto*, 19 May, http://www.etuc.org/IMG/pdf/Final_Manifesto_EN_reducted.pdf

**European Trade Union Confederation (ETUC 2010),** Spring Summit: The ETUC's priority is employment, not the financial market, press release, 25 March 2010, http://www.etuc.org/a/7075

**European Trade Union Confederation (ETUC 2007)**, *Decent work fact sheet*, http://www.etuc.org/a/4311

**European Trade Union Institute (ETUI):** http://www.etui.org/Topics/Labour-market-employment-social-policy/Job-quality-index-JQI

**ETUI (2013):** *Benchmarking Working Europe 2013*

**European Commission (EC 2011),** *Employment and Social Developments in Europe,* 15 December, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=113&langId=en&pubId=6176&type=2&furtherPubs=yes

**European Commission (EC 2013)**, *Employment and Social Development in Europe,* 8 January, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=7315

**European Foundation for the Improvement of Working and Living Conditions/European Working Conditions Observatory (Eurofund/EWCO, 2010):** *Working poor in Europe,* http://www.eurofound.europa.eu/ewco/studies/tn0910026s/tn0910026s_2.htm

**Eurofound/EWCO, 2012,** *Rate of in-work poverty attracts media attention,* http://www.eurofound.europa.eu/ewco/2012/02/PL1202019I.htm

**Frazer, Hugh and Marlier, Eric (2010)**, *In-work poverty and labour market segmentation in the EU*. CEPS/INSTEAD, 2010, coll. European Network of Independent Experts on Social Inclusion n°2010-02, http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=1025&newsId=1394&furtherNews=yes

**International Labour Office (ILO 2012)**, *Global Employment Trends*, http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---dcomm/---publ/documents/publication/wcms_171571.pdf

**International Labour Office (ILO 2011)**, *Key Indicators of the Labour Market (KILM)*, 7th edition, October, http://www.ilo.org/empelm/pubs/WCMS_114060/lang--en/index.htm

**Mulholand, Hélène (2012)**, "Minimum wage frozen for under-21s", in *The Guardian*, 19 March, http://www.guardian.co.uk/society/2012/mar/19/minimum-wage-frozen-for-under-21s

**Network of Independent Experts in Social Protection and Social Inclusion (NIESPSI 2010)**, *In work poverty and labour market segmentation*, EU Peer Review, http://www.peer-review-social-inclusion.eu/network-of-independent-experts/2010/second-semester-2010

**Organisation for Economic Cooperation and Development (OECD 2009)**, *In-Work Poverty, What Can Governments Do?,* Policy Brief, September, http://www.oecd.org/els/43650040.pdf

**Parekh, Anushree, MacInnes, Tom and Kenway, Peter (2009)**, *Monitoring Poverty and Social Exclusion 2009*, York: NPI/JRF, http://www.jrf.org.uk/sites/files/jrf/monitoring-poverty-social-exclusion-2009-full.pdf

**Pollert, Anna and Charlwood, Andy (2009)**, "The vulnerable worker in Britain and problems at work", in *Work, Employment and Society*, Vol. 23, No. 2, pp. 343-62,

http://www.uk.sagepub.com/wilton/Online%20readings/Chapter%2013/Pollert%20and%20Charlwood%20article.pdf

**Poverty Alliance (2010)**, *Low Pay in Scotland* Briefing – No. 15 - 15 May
Case Study No. 1 http://slw.povertyalliance.org/userfiles/files/LowPayBriefCaseStudy1FINAL.pdf
No 2 http://slw.povertyalliance.org/userfiles/files/LowPayBriefCaseStudy2-FINAL.pdf
No 3 http://slw.povertyalliance.org/userfiles/files/LowPayBriefCaseStudy3-FINAL.pdf

**Social Protection Committee (SPC 2013)**, *Social Europe: Current Challenges and Way Forward – Annual Report of the Social Protection Committee*, 19 February 2013.

**Shildrick, Tracy, MacDonald, Robert, Webster, Colin and Garthwaite, Kayleigh (2010)**, *The Low-Pay, No-Pay Cycle: Understanding Recurrent Poverty*, York: Joseph Rowntree Foundation, http://www.jrf.org.uk/sites/files/jrf/unemployment-pay-poverty-full.pdf

## INFORMAZZJONI U KUNTATT

Għal aktar informazzjoni fuq din il-publikazzjoni
U fuq ix-xogħol tal-EAPN dwar l-impjiegi, jekk jogħġbok ikkuntatja lil
Amana Ferro, Uffiċjal Politiku tal-EAPN amana.ferro@eapn.eu

Għal aktar informazzjoni dwar il-ħidma politika u l-pożizzjonijiet tal-EAPN, jekk jogħġbok ikkuntatja
Sian Jones, Koordinatur tal-Politika tal-EAPN sian.jones@eapn.eu

Ara l-publikazzjonijiet u l-attivitajiet tal-EAPN fuq www.eapn.eu

**In-Network Ewropew ta' Kontra l-Faqar (l-EAPN) huwa l-akbar network Ewropew ta' networks nazzjonali, reġjonali u lokali, bl-involviment ta' NGOs u gruppi oħra li jaħdmu kontra l-faqar, kif ukoll Organizzazzjonijiet Ewropew attivi fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Din ġiet stabbilita fl-1990.**

EUROPEAN ANTI-POVERTY NETWORK. Reproduzzjoni hi permessa, sakemm ir-riferenza xierqa għas-sors issir. Novembru 2013.

L-EAPN hi appoġġjata mid-Direttorat Ġenerali għax-Xogħol, Affarijiet Soċjali u Inklużjonital-Kummissjoni Ewropea. Il-finanzjament tagħha hu provdut taħt il-Programm tal-Kommunita' Ewropea għax-Xogħol u s-Solidarjeta' Soċjali PROGRESS (2007 – 2013).

Għal aktar informazzjoni :
http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=327&langId=en
L-informazzjoni f'din il-publikazzjoni mhux neċessarjament tirrifletti l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.